Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOT
ippreżentati fit-18 ta' Lulju 2017[1]

**Kawża C-42/17**

**Proċedura kriminali**
**kontra**
**M.A.S.,**
**M.B.**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali, l-Italja)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 325 TFUE – Proċedura kriminali li tikkonċerna d-delitti fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Preġudizzju potenzjali għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi termini ta' preskrizzjoni assoluti li jistgħu jwasslu għall-impunibbiltà tad-delitti – Sentenza tat-8 ta' Settembru 2015, Taricco *et* (C-105/14, EU:C:2015:555) – Prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività – Nuqqas ta' ammissibbiltà tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni – Obbligu tal-qorti nazzjonali li ma tapplikax din il-leġiżlazzjoni fil-każ li din tipprekludi l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet effettivi u dissważivi 'f'numru kunsiderevoli ta' każijiet ta' frodi serja' li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, jew tipprevedi termini ta' preskrizzjoni itwal għall-każijiet ta' frodi li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Istat Membru kkonċernat milli għal dawk li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni – Applikazzjoni immedjata għall-proċeduri pendenti ta' dan l-obbligu skont il-prinċipju *tempus regit actum* – Kompatibbiltà mal-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege* – Portata u status ta' dan il-prinċipju fl-ordinament ġuridiku tal-Istat Membru kkonċernat – Inklużjoni tar-regoli ta' preskrizzjoni fil-kamp tal-imsemmi prinċipju – Natura sostantiva tal-imsemmija regoli – Artikolu 4(2) TUE – Rispett tal-identità nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat – Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikoli 49 u 53"

## I. Introduzzjoni

1. Fil-kuntest ta' dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali, l-Italja) tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar sa fejn il-qrati nazzjonali huma obbligati li josservaw l-obbligu stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-8 ta' Settembru 2015, Taricco *et*[2], li jikkonsisti f'li ma jiġux applikati, fil-kuntest ta' proċeduri kriminali pendenti, ir-regoli li jinsabu fl-aħħar paragrafu tal-Artikolu 160 u fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 161 tal-codice penale (il-Kodiċi kriminali).

2. F'dik is-sentenza, u fl-istess linja tas-sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson[3], il-Qorti tal-Ġustizzja affermat li l-frodi tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) jista' jikkostitwixxi frodi li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.
2 C-105/14, iktar 'il quddiem is-"sentenza Taricco *et*», EU:C:2015:555.
3 C-617/10, EU:C:2013:105.

3. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li d-dispożizzjonijiet previsti mill-Kodiċi kriminali, billi jintroduċu b'mod partikolari, f'każ ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni, ir-regola li t-terminu ta' preskrizzjoni fl-ebda każ ma jiġi estiż b'iktar minn kwart tat-tul inizjali tiegħu, għandhom bħala konsegwenza li jwasslu, fid-dawl tal-kumplessità u tat-tul tal-proċeduri kriminali kontra l-frodi gravi tal-VAT, għall-impunità fattwali ta' dawn tal-aħħar, peress li dawn ir-reati jkunu ġeneralment preskritti qabel ma s-sanzjoni kriminali prevista mil-liġi tkun tista' tiġi imposta b'deċiżjoni ġudizzjarja li saret definittiva. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tali sitwazzjoni tippreġudika għaldaqstant l-obbligi imposti fuq l-Istati Membri bl-Artikolu 325(1) u (2) TFUE.

4. Sabiex tiżgura l-effettività tal-ġlieda kontra l-frodi li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja talbet għaldaqstant lill-qrati nazzjonali sabiex, jekk ikun meħtieġ, ma japplikawx dawn id-dispożizzjonijiet.

5. Fil-kuntest ta' dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) issostni li tali obbligu huwa tali li jikser prinċipju suprem tal-ordinament kostituzzjonali tagħha, jiġifieri l-prinċipju tal-legalità tar-reati u tal-pieni (*nullum crimen, nulla poena sine lege*), stabbilit fl-Artikolu 25(2) tal-Costituzione (kostituzzjoni, iktar 'il quddiem il-"Kostituzzjoni Taljana") u, għaldaqstant, li jaffettwa l-identità kostituzzjonali tar-Repubblika Taljana.

6. Il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) tenfasizza li l-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege*, kif interpretat fl-ordinament ġuridiku Taljan, jiggarantixxi livell ta' protezzjoni iktar għoli minn dak li jirriżulta mill-interpretazzjoni tal-Artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[4] inkwantu jestendi għad-determinazzjoni tat-termini ta' preskrizzjoni applikabbli għar-reat u jipprekludi, konsegwentement, lill-qorti nazzjonali milli tapplika, għal proċedura pendenti, terminu ta' preskrizzjoni itwal minn dak previst fil-mument li fih ikun twettaq ir-reat (prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività tal-liġi kriminali iktar ħarxa).

7. Issa, il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) tenfasizza li l-obbligu stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Taricco *et* jobbliga lill-qorti kriminali Taljana sabiex tapplika għar-reati mwettqa qabel il-pubblikazzjoni ta' dik is-sentenza, fit-8 ta' Settembru 2015, u li jkunu għadhom ma ġewx preskritti, termini ta' preskrizzjoni itwal minn dawk li kienu previsti inizjalment fil-ġurnata tat-twettiq ta' dawk ir-reati. Hija tirrileva, barra minn hekk, li dak l-obbligu ma huwa bbażat fuq ebda bażi legali preċiża u li huwa bbażat barra minn hekk fuq kriterji li hija ssostni li huma vagi. Konsegwentement, dan l-obbligu jwassal sabiex jiġi rrikonoxxut favur il-qorti nazzjonali marġni ta' diskrezzjoni li jista' jwassal għal riskju ta' arbitrarjetà u li, barra minn hekk, jeċċedi l-limiti tal-funzjoni ġudizzjarja tagħha.

8. Inkwantu l-kostituzzjoni Taljana tiggarantixxi livell ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ogħla minn dak irrikonoxxut fid-dritt tal-Unjoni, il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) issostni li l-Artikolu 4(2) TUE u l-Artikolu 53 tal-Karta jippermettu għaldaqstant lill-qrati nazzjonali jopponu għall-implementazzjoni tal-obbligu stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Taricco *et*.

9. Permezz tat-tliet domandi preliminari, il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) tistaqsi, konsegwentement, lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk l-Artikolu 325 TFUE, kif interpretat minn din tal-aħħar fis-sentenza Taricco *et*, jobbligax lill-qrati nazzjonali li ma japplikawx ir-regoli ta' preskrizzjoni inkwistjoni, fl-ewwel lok, anki jekk dawn ir-regoli, fl-ordinament ġuridiku tal-Istat Membru kkonċernat, joħorġu mill-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege* u, bħala tali, mid-dritt kriminali sostantiv, fit-tieni lok, anki jekk tali obbligu huwa nieqes minn bażi legali suffiċjentement preċiża u fl-aħħar, fit-tielet lok, anki jekk dan l-obbligu jmur kontra l-prinċipji supremi tal-ordinament kostituzzjonali Taljan jew id-drittijiet inaljenabbli tal-persuna kif irrikonoxxuti mill-kostituzzjoni Taljana.

4 Iktar 'il quddiem il-"Karta".

10. Fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha, il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) ma tindirizzax biss dawn it-tliet domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, iżda tistaqsiha wkoll fuq ir-risposta li għandha tingħata sabiex jiġi evitat li tinbeda l-proċedura magħrufa bħala "kontra l-limiti"[5]. F'dan ir-rigward, din id-deċiżjoni tar-rinviju tfakkarna fid-domanda preliminari magħmula mill-Bundesverfassungsgericht (qorti kostituzzjonali federali, il-Ġermanja) fil-kuntest tal-kawża li wasslet għas-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2015, Gauweiler *et*[6]. Il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) tesponi, fil-fatt, b'mod ċar ħafna li, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja żżomm mal-interpretazzjoni tagħha tal-Artikolu 325 TFUE, bl-istess termini identiċi għal dawk ifformulati fis-sentenza Taricco *et*, hija tkun tista' għaldaqstant tiddikjara l-liġi nazzjonali li tirratifika u timplementa t-Trattat ta' Lisbona – inkwantu hija tirratifika u timplementa l-Artikolu 325 TFUE – bħala li tikser il-prinċipji supremi tal-ordinament kostituzzjonali tagħha, u tillibera għaldaqstant lill-qrati nazzjonali mill-obbligi tagħhom li jikkonformaw ruħhom mas-sentenza Taricco *et.*

11. F'dawn il-konklużjonijiet, ser nesponi r-raġunijiet għaliex ma għandux jiddaħħal inkwistjoni l-prinċipju stess stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dik is-sentenza, li jipprovdi li l-qorti nazzjonali hija obbligata, jekk ikun hemm bżonn, ma tapplikax ir-regoli li jinsabu fl-aħħar paragrafu tal-Artikolu 160 u fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 161 tal-Kodiċi kriminali sabiex tiżgura sanzjoni effettiva u dissważiva tal-frodi li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

12. Fl-ewwel lok, ser nispjega li l-interpretazzjoni eċċessivament restrittiva tal-kunċett ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni u tal-atti li jinterrompu l-preskrizzjoni li tirriżulta mid-dispożizzjonijiet inkwistjoni flimkien, inkwantu ċċaħħad lill-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni u tad-deċiżjoni minn terminu raġonevoli sabiex itemmu l-proċeduri mibdija kontra l-frodi tal-VAT, ma hijiex manifestament aġġustata għar-rekwiżit li jiġu ssanzjonati l-preġudizzji għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni u lanqas ma għandha l-effett dissważiv neċessarju sabiex tipprevjeni t-twettiq ta' ksur ġdid, b'tali mod li tikser għaldaqstant il-parti sostantiva, imma wkoll il-parti – li nistgħu nikklassifikaw bħala – "proċedurali" tal-Artikolu 325 TFUE.

13. F'dan ir-rigward, ser nispjega li, fid-dawl tal-kliem tal-Artikolu 49 tal-Karta u tal-ġurisprudenza stabbilita mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-portata tal-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege* stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950[7], xejn ma jipprekludi lill-qorti nazzjonali, fil-kuntest tal-implementazzjoni tal-obbligi li hija għandha skont id-dritt tal-Unjoni, milli ma tapplikax id-dispożizzjonijiet previsti fl-aħħar paragrafu tal-Artikolu 160 u fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 161 tal-Kodiċi kriminali għall-proċeduri pendenti.

14. Jien ser nippreċiża għal dan il-għan il-kriterji li fuq il-bażi tagħhom il-qorti nazzjonali hija marbuta b'dan l-obbligu. Fil-fatt, l-istess bħall-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali), li jien naqbel magħha fuq dan il-punt, jidhirli li, sabiex tiġi żgurata l-prevedibbiltà neċessarja, kemm fil-proċeduri kriminali kif ukoll fid-dritt kriminali sostantiv, it-termini tas-sentenza Taricco *et* għandhom ikunu ppreċiżati. F'dan ir-rigward, jien ser nipproponi li nissostitwixxi l-kriterju li hija ssemmi bi kriterju bbażat biss fuq in-natura tar-reat.

5 Din il-proċedura hija bbażata fuq l-idea li, filwaqt li l-ordinament ġuridiku Taljan jirrikonoxxi u jaċċetta limitazzjoni fuq is-sovranità tiegħu mid-dritt tal-Unjoni, huwa jpoġġi wkoll limiti għal dan bil-għan li jissalvagwardja l-valuri fundamentali li fuqhom huwa bbażat l-ordinament ġuridiku tiegħu. Ara, f'dan ir-rigward, il-preċiżazzjonijiet magħmula mir-Repubblika Taljana fil-kuntest tal-osservazzjonijiet ippreżentati fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2015, Gauweiler *et* (C-62/14, EU:C:2015:400), kif ukoll is-sentenza Nru 183/73 tal-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) li għaliha jsir riferiment fil-punt 7 ta' dawn l-osservazzjonijiet: "abbażi tal-Artikolu 11 tal-Kostituzzjoni [Taljana], ġew permessi ċerti limitazzjonijiet għas-sovranità bil-għan biss li jintlaħqu l-għanijiet li jissemmew hemmhekk [...] għandu għaldaqstant jiġi eskluż li tali limitazzjonijiet [...] ikunu fi kwalunkwe każ jistgħu jagħtu lill-organi tal-KEE s-setgħa inammissibbli li jiksru l-prinċipji fundamentali tal-ordinament kostituzzjonali tagħna jew id-drittijiet mhux trasferibbli tal-persuna umana. [...] [H]uwa evidenti li, jekk qatt interpretazzjoni daqshekk diverġenti kellha tingħata lill-Artikolu 189, il-garanzija tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-Corte costituzionale [(qorti kostituzzjonali)] fuq il-persistenza tal-kompatibbiltà tat-trattat mal-prinċipji fundamentali msemmija iktar 'il fuq tibqa' żgurata".

6 C-62/14, EU:C:2015:400.

7 Iktar 'il quddiem il-"KEDB".

15. Jien ser nesponi fl-aħħar nett ir-raġunijiet għaliex ser nikkunsidra li l-ħolqien ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jeżiġi li r-repressjoni tar-reati li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandha tkun akkumpanjata llum b'armonizzazzjoni tar-regoli ta' preskrizzjoni fl-Unjoni u, b'mod partikolari, tar-regoli li jirregolaw l-interruzzjoni tal-istess preskrizzjoni.

16. Fit-tieni lok, u inkonformità mal-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Melloni [8], ser nispjega li l-Artikolu 53 tal-Karta ma jippermettix, fil-fehma tiegħi, lill-awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru topponi għall-eżekuzzjoni tal-obbligu stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Taricco *et* minħabba li dan l-obbligu ma josservax l-istandard ta' protezzjoni ogħla tad-drittijiet fundamentali ggarantit mill-kostituzzjoni ta' dak l-Istat.

17. Fl-aħħar nett, fit-tielet lok, ser nesponi r-raġunijiet għaliex l-applikazzjoni immedjata ta' terminu ta' preskrizzjoni itwal, li tirriżulta mill-implementazzjoni tal-imsemmi obbligu, ma hijiex, fil-fehma tiegħu, tali li taffettwa l-identità nazzjonali tar-Repubblika Taljana u għaldaqstant li tikser it-termini tal-Artikolu 4(2) TUE.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### A. Id-dritt tal-Unjoni

#### *1. It-Trattat UE*

18. L-Artikolu 4(2) TUE jipprovdi li l-Unjoni għandha tirrispetta l-identità nazzjonali tal-Istati Membri, inerenti fl-istrutturi politiċi u kostituzzjonali fundamentali tagħhom. Skont l-Artikolu 4(3) TUE, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom, konformement mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, jirrispettaw u jgħinu lil xulxin reċiprokament fit-twettiq tal-kompiti li joħorġu mit-Trattati. L-Istati Membri għandhom għalhekk jieħdu kull miżura ġenerali jew partikolari xierqa sabiex jiżguraw li l-obbligi li joħorġu mit-Trattati jew li jirriżultaw mill-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni jitwettqu.

19. Skont l-Artikolu 325 TFUE, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom id-dmir li jikkumbattu "l-frodi u l-attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni" u li joffru "protezzjoni effettiva" għal dawn l-interessi.

#### *2. Il-Karta*

20. It-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta jipprovdi li:

"Kull persuna għandha d-dritt għal smigħ ġust u pubbliku fi żmien raġjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi.[...]"

21. L-Artikolu 49 tagħha, bit-titolu "Il-prinċipji ta' legalità u proporzjonalità ta' reati u ta' pieni" jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-ebda persuna m'għandha tiġi kkundannata għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta sar jew saret, ma kienx jew ma kenitx reat skond il-liġi nazzjonali jew il-liġi internazzjonali. Lanqas m'għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta twettaq ir-reat. Jekk wara li twettaq ir-reat, il-liġi tipprovdi għal piena inqas, dik il-piena għandha tkun applikabbli".

8 C-399/11, EU:C:2013:107.

22. Skont l-Artikolu 52(3) tal-Karta:

"Safejn din il-Karta fiha drittijiet li jikkorrispondu għal drittijiet iggarantiti mill-[KEDB], it-tifsira u l-ambitu ta' dawk id-drittijiet għandhom ikunu l-istess bħal dawk stabbiliti mill-Konvenzjoni msemmija. Din id-dispożizzjoni ma żżommx lil-liġi ta' l-Unjoni milli jipprevedi protezzjoni aktar estensiva".

23. L-Artikolu 53 tal-Karta jipprovdi:

"Xejn f'din il-Karta m'għandu jiġi interpretat bħala li jillimita jew li jolqot b'mod negattiv id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali rikonoxxuti, fl-oqsma ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom, mil-liġi ta' l-Unjoni u mil-liġi internazzjonali u mill-konvenzjonijiet internazzjonali li fihom l-Unjoni jew l-Istati Membri kollha huma parti, b'mod partikolari l-[KEDB], u mill-kostituzzjonijiet ta' l-Istati Membri."

## B. Id-dritt Taljan

### *1. Il-Kostituzzjoni Taljana*

24. L-Artikolu 25(2) tal-Kostituzzjoni Taljana jipprovdi li "ħadd ma jista' jiġi kkastigat, sakemm dan ma jkunx abbażi ta' liġi li daħlet fis-seħħ qabel ma twettaq il-fatt".

### *2. Id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi kriminali li jirrigwardaw il-preskrizzjoni tar-reati*

25. Il-preskrizzjoni tikkostitwixxi waħda mir-raġunijiet għall-estinzjoni tar-reati kriminali (Kapitolu I tat-Titolu VI tal-Ktieb I tal-Kodiċi kriminali). Il-leġiżlazzjoni dwar il-preskrizzjoni ġiet emendata b'mod estensiv bil-legge n. 251, 5 dicembre 2005, (Liġi Nru 251, tal-5 ta' Diċembru 2005)[9].

26. Skont l-Artikolu 157(1) tal-Kodiċi kriminali, ir-reat kriminali jiġi preskritt wara d-dekorrenza ta' perijodu ta' żmien ekwivalenti għat-tul tal-piena massima prevista mil-liġi u sakemm dak il-perijodu ta' żmien ma jkunx inqas minn sitt snin għar-reati u minn erba' snin għall-kontravvenzjonijiet.

27. L-Artikolu 158 ta' dan il-kodiċi jirregola l-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' preskrizzjoni kif ġej:

"Fir-rigward ta' reat ikkunsmat, it-terminu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri mill-jum li fih twettaq ir-reat; fir-rigward ta' attentat ta' reat, mill-jum li fih intemmet l-attività tal-awtur; fir-rigward ta' reat permanenti, mill-jum li fih ir-reat ma jibqax permanenti.

[...]"

28. Skont l-Artikolu 159 tal-imsemmi kodiċi, dwar ir-regoli li jirrigwardaw is-sospensjoni tal-preskrizzjoni:

"Il-preskrizzjoni hija sospiża fil-każijiet kollha fejn is-sospensjoni tal-proċedura, tal-proċess kriminali jew tat-terminu previst għad-detenzjoni proviżorja hija prevista minn dispożizzjoni leġiżlattiva speċjali, kif ukoll fil-każijiet li ġejjin:

1) awtorizzazzjoni li jitressqu proċeduri;

9 GURI Nru 285, tas-7 ta' Diċembru 2005, p. 5, iktar 'il quddiem il-"Liġi ex-Cirielli".

2) rinviju tal-kawża quddiem qorti oħra;

3) sospensjoni tal-proċeduri jew tal-proċess kriminali minħabba impediment tal-partijiet u tal-avukati, jew fuq talba tal-akkużat jew tal-avukat tiegħu. […]

[…]

Il-preskrizzjoni terġa' tibda tiddekorri fil-jum li fih il-kawża li tat lok għas-sospensjoni ma tibqax teżisti.

[…]"

29. L-Artikolu 160 tal-istess kodiċi, li jirregola l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, jipprovdi:

"It-terminu ta' preskrizzjoni jiġi interrott permezz ta' sentenza jew ta' digriet ta' kundanna.

Digriet li jordna l-applikazzjoni ta' miżuri kawtelatorji personali […] [u] digriet li jistabbilixxi smigħ preliminari […] jagħtu lok ukoll għall-interruzzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni.

Fil-każ ta' interruzzjoni, il-preskrizzjoni tibda tiddekorri mill-ġdid mill-jum tal-interruzzjoni. Jekk ikun hemm iktar minn interruzzjoni waħda, il-preskrizzjoni tibda tiddekorri mill-aħħar interruzzjoni; madankollu, it-termini stabbiliti fl-Artikolu 157 f'ebda ċirkustanza ma jistgħu jiġu estiżi lil hinn mit-termini stabbiliti fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 161 [tal-Kodiċi kriminali], ħlief għar-reati previsti fl-Artikolu 51(3a) u (3c) tal-[codice di procedura penale (Kodiċi ta' proċedura kriminali)]."

30. Skont l-Artikolu 161 tal-Kodiċi kriminali, li jikkonċerna l-effetti tas-sospensjoni u tal-interruzzjoni:

"Is-sospensjoni u l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni jipproduċu effetti għal dawk kollha li jkunu wettqu r-reat.

Bl-eċċezzjoni tal-prosekuzzjoni ta' reati msemmija fl-Artikolu 51(3a) u (3c) tal-Kodiċi tal-proċedura kriminali, interruzzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni fl-ebda każ ma tista' tagħti lok għall-estensjoni tat-terminu b'iktar minn kwart tat-tul massimu previst ta' dan it-terminu […]"

## III. Il-fatti

### A. Is-sentenza Taricco *et*

31. It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Cuneo (qorti ta' Cuneo, l-Italja) kienet tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 101, 107 u 119 TFUE kif ukoll l-Artikolu 158 tad-Direttiva 2006/112/KE[10] fid-dawl tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-preskrizzjoni tar-reati kriminali, kif din kienet stabbilita bl-aħħar paragrafu tal-Artikolu 160 u bit-tieni paragrafu tal-Artikolu 161 tal-Kodiċi kriminali.

32. Din it-talba kienet tressqet fil-kuntest ta' proċedura kriminali mibdija kontra diversi individwi li kienu akkużati li fformaw u organizzaw assoċjazzjoni sabiex iwettqu diversi reati fil-qasam tal-VAT.

33. F'dik is-sentenza, li ngħatat fit-8 ta' Settembru 2015, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li leġiżlazzjoni nazzjonali bħalma kienet dik inkwistjoni, li kienet tipprovdi, fid-data tal-fatti fil-kawża prinċipali, li l-att li jinterrompi l-preskrizzjoni fil-kuntest ta' prosekuzzjoni kriminali li tirrigwarda l-frodi gravi fir-rigward tal-VAT għandu l-effett li jtawwal it-terminu ta' preskrizzjoni b'mhux iktar minn kwart

10 Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1).

it-tul inizjali tiegħu, jista' jippreġudika l-obbligi li għandhom l-Istati Membri skont l-Artikolu 325(1) u (2) TFUE f'każ fejn dik il-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprekludi l-impożizzjoni ta' sanzjoni effettiva u dissważiva f'numru kunsiderevoli ta' każijiet ta' frodi gravi li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, jew f'każ li tipprevedi termini ta' preskrizzjoni itwal għall-każijiet ta' frodi li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Istat Membru kkonċernat milli għal dawk li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

34. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-dispożizzjonijiet inkwistjoni, minħabba li introduċew, f'każ ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni, ir-regola li biha t-terminu ta' preskrizzjoni fl-ebda każ ma jista' jiġi estiż b'iktar minn kwart tat-tul inizjali tiegħu, għandhom bħala konsegwenza, fid-dawl tal-kumplessità u tat-tul tal-proċeduri kriminali li jwasslu għall-adozzjoni ta' sentenza definittiva, li jinnewtralizzaw l-effett temporali ta' raġuni li tinterrompi l-preskrizzjoni. Bis-saħħa ta' dan il-fatt, f'numru kunsiderevoli ta' każijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-fatti li jikkostitwixxu frodi gravi ma humiex issanzjonati kriminalment.

35. Sabiex tiżgura l-effett sħiħ tal-Artikolu 325(1) u (2) TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, konsegwentement, li l-qorti nazzjonali hija, jekk ikun hemm bżonn, marbuta li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jkollhom l-effett li jipprekludu lill-Istat Membru kkonċernat milli josserva l-obbligi li dik id-dispożizzjoni timponi fuqu.

## B. Id-domandi dwar kostituzzjonalità mressqa mill-Corte suprema di cassazione (qorti ta' kassazzjoni, l-Italja) u mill-Corte d'appello di Milano (qorti tal-appell ta' Milano, l-Italja) quddiem il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali)

36. Il-Corte suprema di cassazione (qorti ta' kassazzjoni) u l-Corte d'appello di Milano (qorti tal-appell ta' Milano), li quddiemhom kienu pendenti proċeduri li jirrigwardaw frodi gravi tal-VAT, ikkunsidraw li n-nuqqas ta' applikazzjoni tal-aħħar paragrafu tal-Artikolu 160 u tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 161 tal-Kodiċi kriminali għal sitwazzjonijiet preċedenti għad-data tal-pubblikazzjoni tas-sentenza Taricco *et* iwassal għal applikazzjoni iktar ħarxa tar-regoli ta' inkriminazzjoni ta' natura retroattiva, li hija inkompatibbli mal-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege* stabbilit fl-Artikolu 25(2) tal-Kostituzzjoni Taljana.

37. Konsegwentement, huma ressqu quddiem il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) domanda dwar kostituzzjonalità li tirrigwarda l-Artikolu 2 tal-legge n. 130, 2 agosto 2008, (Liġi Nru 130, tat-2 ta' Awwissu 2008)[11], inkwantu jawtorizza r-ratifika tat-Trattat ta' Lisbona u l-implementazzjoni, b'mod partikolari, tal-Artikolu 325(1) u (2) TFUE, li minnu l-Qorti tal-Ġustizzja siltet l-obbligu inkwistjoni[12].

11 Suppliment ordinarju għall-GURI Nru 185, tat-8 ta' Awwissu 2008.

12 Madankollu, ċerti qrati nazzjonali adottaw pożizzjoni differenti: ara s-sentenzi Nru 2210/16 tal-Corte suprema di cassazione (qorti ta' kassazzjoni), it-tielet awla kriminali, tal-20 ta' Jannar 2016 [li fiha l-Corte suprema di cassazione (qorti ta' kassazzjoni) timplementa l-prinċipji stabbiliti fis-sentenza Taricco *et*, fejn din tikkunsidra li s-sistema tal-preskrizzjoni taqa' intrinsikament taħt is-sistema ta' natura proċedurali u ssostni li ma huwiex neċessarju li tressaq kwistjoni ta' kostituzzjonalità lill-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali)], Nru 7914/16 tal-Corte suprema di cassazione (qorti ta' kassazzjoni), ir-raba' awla kriminali, tas-26 ta' Frar 2016 [li fiha l-Corte suprema di cassazione (qorti ta' kassazzjoni) tikkonferma dan l-obbligu li ma tapplikax is-sistema ta' preskrizzjoni fil-każijiet biss fejn il-proċedura ma hijiex effettivament preskritta], u, l-aħħar nett, Nru 44584/16 tal-Corte suprema di cassazione (qorti ta' kassazzjoni), it-tielet awla kriminali, tal-24 ta' Ottubru 2016 [fejn il-Corte suprema di cassazione (qorti ta' kassazzjoni) tislet il-kriterji applikabbli sabiex ma jiġux applikati d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni].

## IV. Id-deċiżjoni tar-rinviju

### A. Fuq il-portata u l-istatus tal-prinċipju ta'*nullum crimen, nulla poena sine lege* fl-ordinament ġuridiku Taljan

38. Fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha, il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) tenfasizza, fl-ewwel lok, li, fl-ordinament ġuridiku Taljan, il-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege* jipprekludi lill-qorti nazzjonali milli ma tapplikax id-dispożizzjonijiet previsti fl-aħħar paragrafu tal-Artikolu 160 u fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 161 tal-Kodiċi kriminali, għall-proċeduri pendenti.

39. Fil-fatt, il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) tindika li, b'differenza minn sistemi legali oħrajn fejn ir-regoli ta' preskrizzjoni fil-qasam kriminali huma kklassifikati bħala regola proċedurali [13], dawn tal-aħħar jikkostitwixxu fl-ordinament ġuridiku Taljan regoli sostantivi, li jifformaw parti integrali mill-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege* u ma jistgħux għaldaqstant ikunu s-suġġett ta' applikazzjoni retroattiva għad-detriment tal-persuna li tkun is-suġġett ta' prosekuzzjoni kriminali.

40. Il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) tirrileva li l-Artikolu 25(2) tal-Kostituzzjoni Taljana jagħti, għaldaqstant, lill-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege* kamp iktar wiesa' minn dak irrikonoxxut mis-sorsi tad-dritt tal-Unjoni peress li ma huwiex limitat biss għad-definizzjoni tar-reat u tal-pieni applikabbli għalih, iżda jestendi għall-aspetti materjali kollha li jirrigwardaw is-sanzjoni u, b'mod partikolari, għad-determinazzjoni tar-regoli ta' preskrizzjoni applikabbli għar-reat. Skont dan il-prinċipju, ir-reat, il-piena applikabbli u t-terminu ta' preskrizzjoni għandhom għaldaqstant ikunu ddefiniti f'termini ċari, preċiżi u vinkolanti f'liġi li tkun fis-seħħ fil-mument li jitwettaq l-att. Skont il-qorti tar-rinviju l-osservanza ta' dan il-prinċipju għandha għaldaqstant tippermetti lil kulħadd li jkun jaf il-konsegwenzi tal-aġir tiegħu fuq livell kriminali u għandha tipprekludi kull arbitrarjetà fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-liġi.

41. Issa, fil-kuntest tal-kawża prinċipali, il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) issostni li l-individwi kkonċernati ma setgħux raġonevolment jipprevedu, fid-dawl tal-kuntest regolatorju fis-seħħ fil-mument tal-fatti, li d-dritt tal-Unjoni u b'mod partikolari l-Artikolu 325 TFUE, kien ser jimponi fuq il-qorti nazzjonali l-obbligu li ma tapplikax l-aħħar paragrafu tal-Artikolu 160 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 161 tal-Kodiċi kriminali, b'tali mod li jittawwlu t-termini ta' preskrizzjoni applikabbli. Konsegwentement, l-obbligu stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Taricco *et* imur kontra r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 7 tal-KEDB.

42. Il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) tenfasizza, barra minn hekk, li l-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege* huwa fuq il-quċċata tad-drittijiet inaljenabbli tal-persuna u għandu jiġi kkunsidrat, fl-aspetti kollha tiegħu, bħala prinċipju suprem tal-ordinament kostituzzjonali Taljan, fejn dan tal-aħħar jipprevali konsegwentement fuq ir-regoli tad-dritt tal-Unjoni f'każ ta' kunflitt.

43. Fir-rigward tal-klassifikazzjoni tar-regoli ta' preskrizzjoni fil-qasam kriminali, il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) tippreċiża li din ma taqax taħt id-dritt tal-Unjoni imma taħt it-tradizzjoni kostituzzjonali ta' kull wieħed mill-Istati Membri.

13 Ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża jżommu man-natura proċedurali tar-regoli ta' preskrizzjoni. Fi Stati Membri oħra, bħalma huma r-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika tal-Latvja jew ukoll ir-Rumanija jew ir-Renju tal-Isvezja, dawn ir-regoli jaqgħu, l-istess bħal fl-ordinament ġuridiku Taljan, taħt id-dritt kriminali sostantiv. Fil-każ tar-Repubblika tal-Polonja jew tar-Repubblika Portugiża, ir-regoli tal-preskrizzjoni jikkostitwixxu kemm regoli sostantivi kif ukoll proċedurali.

44. Inkwantu l-ordinament ġuridiku Taljan jagħti standard ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ogħla minn dak li joħroġ mill-interpretazzjoni tal-Artikolu 49 tal-Karta u tal-Artikolu 7 tal-KEDB, il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) iżżid li l-Artikolu 53 tal-Karta jawtorizza għaldaqstant lill-qorti nazzjonali sabiex tinħeles mill-obbligu stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Taricco *et*.

45. Il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) tiddistingwi għaldaqstant din il-kawża mill-kawża li wasslet għas-sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Melloni[14], fejn l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet kostituzzjonali tar-Renju ta' Spanja kellha impatt dirett fuq is-supremazija tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari, fuq il-portata tad-Deċiżjoni Qafas 2009/299/JAI[15] u wasslet sabiex kisret l-uniformità u l-unità tad-dritt tal-Unjoni f'qasam ibbażat fuq il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri.

46. Fit-tieni lok, il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) issostni li l-obbligu stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Taricco *et* huwa bbażat fuq kriterji imprecizi, li jmorru kontra l-prinċipju ta' ċertezza legali, inkwantu l-qorti nazzjonali ma hijiex kapaċi li tiddefinixxi, b'mod mhux ekwivoku, l-ipoteżijiet li fihom il-frodi għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni tista' tiġi kklassifikata bħala "gravi" u l-każijiet li fihom l-applikazzjoni tar-regoli ta' preskrizzjoni inkwistjoni għandha bħala effett li twassal għal impunità f'"numru kunsiderevoli ta' każijiet". Tali kriterji joħolqu għaldaqstant riskju kbir ta' arbitrarjetà.

47. Fit-tielet lok, il-qorti tar-rinviju ssostni li r-regoli stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Taricco *et* huma inkompatibbli mal-prinċipji li jirregolaw is-separazzjoni tal-poteri.

48. Hija tippreċiża f'dan ir-rigward li t-termini ta' preskrizzjoni u l-modalitajiet għall-kalkolu ta' dawn tal-aħħar għandhom ikunu ddefiniti mil-leġiżlatur nazzjonali permezz ta' dispożizzjonijiet preċiżi u li għaldaqstant ma humiex l-awtoritajiet ġudizzjarji li għandhom jiddeċiedu, każ b'każ, il-kontenut tagħhom. Issa, il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) issostni li l-prinċipji msemmija fis-sentenza Taricco *et* ma jippermettux li tiġi limitata l-marġni ta' diskrezzjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji, u għaldaqstant dawn tal-aħħar huma liberi li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi inkwistjoni meta huma jikkunsidraw li dawn tal-aħħar jikkostitwixxu ostakolu għar-repressjoni tar-reat.

### B. Fuq l-identità kostituzzjonali tar-Repubblika Taljana

49. Fil-kuntest tad-deċiżjoni tar-rinviju tagħha, il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) issostni fl-aħħar nett li l-Artikolu 4(2) TUE jippermetti lill-qorti nazzjonali tevita l-obbligu stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Taricco *et* meta dak l-obbligu jikser prinċipju suprem tal-ordinament kostituzzjonali tagħha u, konsegwentement, huwa suxxettibbli li jaffettwa l-identità nazzjonali u, b'mod partikolari kostituzzjonali, tar-Repubblika Taljana.

50. Hija tenfasizza li d-dritt tal-Unjoni, l-istess bħall-interpretazzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' dan id-dritt, ma jistgħux jitqiesu bħala li jimponu fuq l-Istat Membru l-obbligu li jirrinunzja għall-prinċipji supremi tal-ordinament kostituzzjonali tiegħu, li jiddefinixxu l-identità nazzjonali tiegħu. Għaldaqstant, l-implementazzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tibqa' dejjem suġġetta għall-kompatibbiltà ta' dan tal-aħħar mal-ordinament kostituzzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, li għandha tiġi evalwata mill-awtoritajiet nazzjonali u, fl-Italja, mill-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali).

14 C-399/11, EU:C:2013:107.

15 Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2009, li temenda d-Deċiżjonijiet Kwadru 2002/584/ĠAI, 2005/214/ĠAI, 2006/783/ĠAI, 2008/909/ĠAI u 2008/947/ĠAI, u b'hekk issaħħaħ id-drittijiet proċedurali ta' persuni, li trawwem l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku fir-rigward ta' deċiżjonijiet mogħtija fl-assenza tal-persuna konċernata fil-kawża (ĠU 2009, L 81, p. 24).

## V. Id-domandi preliminari

51. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) iddeċidiet li tissospendi d-deċiżjoni dwar id-domanda dwar il-kostituzzjonalità tal-Artikolu 2 tal-Liġi Nru 130, tat-2 ta' Awwissu 2008, li tirratifika u timplementa t-Trattat ta' Lisbona, u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 325(1) u (2) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jobbliga lill-qrati kriminali jħallu mhux applikata leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-preskrizzjoni li tipprekludi, f'numru kunsiderevoli ta' każijiet, ir-repressjoni ta' frodi serji li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, jew li tipprevedi termini ta' preskrizzjoni iqsar għall-frodi li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni milli għall-frodi li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Istat, anki fejn tali nuqqas ta' applikazzjoni ma jkollux bażi legali suffiċjentement preċiża?

2) L-Artikolu 325(1) u (2) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jobbliga lill-qrati kriminali jħallu mhux applikata leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-preskrizzjoni li tipprekludi, f'numru kunsiderevoli ta' każijiet, ir-repressjoni ta' frodi serji li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, jew li tipprevedi termini ta' preskrizzjoni iqsar għall-frodi li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni milli għall-frodi li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Istat, anki fejn fl-ordinament ġuridiku tal-Istat Membru, il-preskrizzjoni taqa' taħt id-dritt kriminali sostantiv u hija suġġetta għall-prinċipju ta' legalità?

3) Is-sentenza [Taricco *et*] għandha tiġi interpretata fis-sens li tobbliga lill-qrati kriminali jħallu mhux applikata leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-preskrizzjoni li tipprekludi, f'numru kunsiderevoli ta' każijiet, ir-repressjoni ta' frodi serji li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, jew li tipprevedi termini ta' preskrizzjoni iqsar għall-frodi li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni milli għall-frodi li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Istat, anki fejn tali nuqqas ta' applikazzjoni jmur kontra l-prinċipji superjuri tal-kostituzzjoni tal-Istat Membru jew id-drittijiet inaljenabbli tal-persuna rrikonoxxuti mill-kostituzzjoni tal-Istat Membru?"

## VI. Osservazzjonijiet preliminari

52. Qabel ma nibda l-eżami tad-domandi preliminari magħmula mill-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali), jidhirli li huwa opportun li jsiru xi rimarki preliminari li jikkonċernaw, l-ewwel nett, il-kuntest li fih ingħatat is-sentenza Taricco *et* u, it-tieni nett, l-approċċ li ġie adottat mill-partijiet u mill-Kummissjoni Ewropea waqt is-seduta.

53. Fl-ewwel lok, nixtieq ngħid li l-effett tar-regoli ta' preskrizzjoni previsti fil-Kodiċi kriminali fuq l-effettività tal-prosekuzzjonijiet ġudizzjarji, kemm jekk ikunu nbdew minħabba reat jew delitt imwettaq kontra l-persuna u kemm jekk jaqgħu f'kuntest ta' delinkwenza ekonomika u finanzjarja, ma huwiex xi ħaġa ġdida. Dan diġà kien is-suġġett ta' diversi rapporti u rakkomandazzjonijiet indirizzati lir-Repubblika Taljana li fihom kienu kkritikati, b'mod partikolari, ir-regoli u l-metodi għall-kalkolu applikabbli għall-preskrizzjoni u, b'mod partikolari, l-interpretazzjoni restrittiva tar-raġunijiet ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni u l-eżistenza ta' terminu ta' preskrizzjoni assolut li la jista' jiġi interrott u lanqas sospiż.

54. Għaldaqstant, id-diffikultajiet enfasizzati mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Taricco *et* fir-rigward tal-effett tar-regoli ta' preskrizzjoni previsti fl-aħħar paragrafu tal-Artikolu 160 u fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 161 tal-Kodiċi kriminali fuq l-effettività tar-repressjoni tal-frodi tal-VAT ma humiex ġodda.

55. Fuq livell nazzjonali, l-ewwel nett, l-awtoritajiet ġudizzjarji spiss ġibdu l-attenzjoni tal-leġiżlatur nazzjonali fuq il-fatt li t-termini ta' preskrizzjoni fis-seħħ ma kinux jippermettu li tinkiseb deċiżjoni ġudizzjarja definittiva fil-parti l-kbira tal-kawżi ta' korruzzjoni gravi u kumplessi [16], ħaġa li wasslet għall-ħolqien ta' grupp ta' ħidma (kummissjoni *ad hoc*) responsabbli sabiex jistudja l-possibbiltajiet eżistenti fir-rigward tar-riforma tar-regoli tal-preskrizzjoni, li x-xogħol tiegħu ġie ppreżentat fit-23 ta' April 2013 [17].

56. Fuq livell tal-Unjoni, it-tieni nett, il-Kummissjoni ddedikat fl-2014 studju partikolari fir-rigward tal-konsegwenzi li għandha s-sistema Taljana tal-preskrizzjoni fuq il-ġlieda effettiva kontra l-korruzzjoni [18]. Hija rrilevat għaldaqstant li l-"kwistjoni tal-istatut tal-limitazzjonijiet ilha ta' tħassib serju [f'dan l-Istat Membru]" u enfasizzat li l-"perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli skont il-liġi Taljana, flimkien ma' proċeduri fit-tul fil-qrati, ir-regoli u l-metodi ta' kalkolu applikabbli għall-istatut tal-limitazzjonijiet, in-nuqqas ta' flessibbiltà rigward ir-raġunijiet għas-sospensjoni u l-interruzzjoni u l-eżistenza ta' preskrizzjoni assoluta li ma tistax tkun interrotta jew sospiża wasslu u se jkomplu jwasslu biex jitwarrbu għadd konsiderevoli ta' każijiet" [19].

57. Filwaqt li aderixxiet mar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kunsill lir-Repubblika Taljana fid-9 ta' Lulju 2013 [20], il-Kummissjoni stiednet imbagħad lil dak l-Istat Membri sabiex jirrevedi r-regoli eżistenti li jirregolaw it-termini ta' preskrizzjoni b'mod li jsaħħu l-qafas ġuridiku għar-repressjoni tal-korruzzjoni.

58. Fuq il-livell tal-Kunsill tal-Ewropea issa, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fis-sentenzi Alikaj *et* vs L-Italja [21] kif ukoll Cestaro vs L-Italja [22], iddeċidiet ukoll li l-mekkaniżmu tal-preskrizzjoni, kif previst fl-Artikoli 157 sa 161 tal-Kodiċi kriminali, jista' jipproduċi effetti li jmorru kontra dawk li teżiġi l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-KEDB, mill-aspett kriminali tagħhom, peress li dan il-mekkaniżmu jwassal sabiex ir-reati gravi jibqgħu mhux issanzjonati. Hija qieset għaldaqstant li dan il-kuntest leġiżlattiv huwa inadegwat [23] sabiex jipprevjeni u jissanzjona l-attentati għall-ħajja kif ukoll l-atti ta' tortura u t-trattamenti ħżiena.

59. Għaldaqstant, fis-sentenza Cestaro vs L-Italja [24], mogħtija ftit xhur biss qabel is-sentenza Taricco *et*, ir-Repubblika Taljana ġiet ikkundannata minħabba ksur tal-Artikolu 3 tal-KEDB mhux biss mill-aspett sostantiv tiegħu, imma wkoll mill-aspett proċedurali, fejn il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedemirrilevat l-eżistenza ta' "problema strutturali", jiġifieri, in-"nuqqas ta' adegwatezza" tar-regoli tal-preskrizzjoni previsti fil-Kodiċi kriminali sabiex jiġu ssanzjonati l-atti ta' tortura u sabiex

16 Ara, b'mod partikolari, primo rendiconto della attività 1° luglio 2010-30 giugno 2011, Procura della Repubblica presso il Tribunale ordinario di Milano, rapport ta' attività 2010-2011, p. 12, punt 3.4 (Il problema prescrizione) u p. 16, punt 5.1 (La criminalità economica), disponibbli fis-sit internet li ġej: http://www.procura.milano.giustizia.it/files/relazione-25-luglio-2011.pdf kif ukoll Bilancio di responsabilità sociale, 2011-2012, p. 28, disponibbli fis-sit internet li ġej: http://www.procura.milano.giustizia.it/files/bilancio-sociale-procura-12-dic-2012.pdf.

17 Commissione Fiorella – Per lo studio di possibile riforma della prescrizione, disponibbli fis-sit internet li ġej: https://www.giustizia.it/giustizia/it/mg_1_12_1.page;jsessionid=J2kpebY+SYa6GMnDwpBxPZ+7?facetNode_1=0_10&facetNode_2=3_1&facetNode_3=4_57&contentId=SPS914317&previsiousPage=mg_1_12.

18 Anness 12 għar-Rapport tal-UE dwar il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni, Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew – L-Italja, tat-3 ta' Frar 2014 [COM(2014) 38 finali].

19 Ara p. 8 u 9 ta' dan ir-rapport. Il-Kummissjoni tirreferi b'mod partikolari għall-istudju "Timed Out: Statutes of Limitation and Prosecuting Corruption in EU Countries", ta' Novembru 2010 li fih l-organizzazzjoni mhux governattiva Transparency International eżaminat l-effett tat-termini ta' preskrizzjoni fil-qasam tal-prosekuzzjonijiet kontra l-korruzzjoni fl-Unjoni: proċedura waħda minn għaxra magħluqa bejn l-2005 u l-2010 minħabba l-iskadenza tat-termini ta' preskrizzjoni, fejn il-medja tal-Istati Membri l-oħra qegħda bejn 0.1 % u 2 % (p. 11).

20 Rakkomandazzjoni dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Italja għall-2013 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Italja, 2012-2017 (ĠU 2013, C 217, p. 42), ara l-premessa 12 kif ukoll ir-rakkomandazzjoni 2.

21 Qorti EDB, 29 ta' Marzu 2011, CE:ECHR:2011:0329JUD004735708. Ara, b'mod partikolari l-punti 95 u 97 kif ukoll il-punt 108, li fihom il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tirrileva li "fid-dawl tar-rekwiżit tal-ħeffa u tad-diliġenza raġonevoli, li hija impliċita fil-kuntest tal-obbligi pożittivi inkwistjoni [Artikolu 2 tal-KEDB], huwa biżżejjed li jiġi osservat li l-applikazzjoni tal-preskrizzjoni tidħol fil-kuntest tal-kategorija ta' dawn il-'miżuri' inammissibbli skont il-ġurisprudenza tal-Qorti [Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem], peress li hija kellha bħala effett li tipprekludi l-kundanna".

22 Qorti EDB, 7 ta' April 2015, CE:ECHR:2015:0407JUD000688411.

23 Ara Qorti EDB, 7 ta' April 2015, Cestaro vs L-Italja, CE:ECHR:2015:0407JUD000688411, § 225.

24 Qorti EDB, 7 ta' April 2015, CE:ECHR:2015:0407JUD000688411.

jiġi żgurat effett suffiċjentement dissważiv[25]. Wara li rrilevat li dawn ir-regoli ta' preskrizzjoni jistgħu jipprekludu, fil-prattika, li jiġu ġġudikati u ssanzjonati dawk responsabbli, u dan minkejja l-isforzi kollha użati mill-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni u mill-awtoritajiet ġudizzjarji, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qieset li l-leġiżlazzjoni kriminali Taljana applikata għal dan it-tip ta' reati kienet "inadegwata" fir-rigward tar-rekwiżit ta' sanzjoni u ma kellhiex l-effett dissważiv neċessarju sabiex tipprevjeni t-twettiq ta' reati simili oħra. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem stiednet għaldaqstant lir-Repubblika Taljana sabiex tintroduċi għodda legali xierqa sabiex tissanzjona b'mod adegwat lil dawk responsabbli għal dan il-ksur u sabiex tippreklud i li dawn ikunu jistgħu jibbenefikaw minn miżuri li jmorru kontra l-ġurisprudenza tagħha, peress li l-applikazzjoni tar-regoli tal-preskrizzjoni għandha tkun kompatibbli mar-rekwiżiti tal-KEDB[26].

60. Fuq livell iktar politiku issa, il-Grupp ta' Stati tal-Kunsill tal-Ewropa kontra l-korruzzjoni (GRECO) irrileva, barra minn hekk, fir-rapporti ta' evalwazzjoni tiegħu tal-ewwel (Ġunju 2008), tat-tieni (Ottubru 2008) u tat-tielet (Ottubru 2011) ċikli ta' evalwazzjonijiet konġunti fuq ir-Repubblika Taljana[27], li, għalkemm it-tul teoriku tat-terminu ta' preskrizzjoni ma huwiex differenti ħafna minn dak ta' Stati kontraenti oħra, il-metodu għall-kalkolu tat-terminu ta' preskrizzjoni u r-rwol li għandhom fatturi oħra (bħalma hija n-natura kumplessa tal-investigazzjonijiet marbutin mal-korruzzjoni, iż-żmien li jista' jiddekorri bejn il-mument li fih tkun twettaq ir-reat u dak li fih dan ġie ssenjalat lill-awtoritajiet repressivi, ir-rimedji disponibbli, id-dewmien u l-volum kbir ta' xogħol tal-qrati repressivi), jostakolaw kunsiderevolment l-effikaċità tas-sistema ta' sanzjoni fis-seħħ fl-Italja.

61. Fl-aħħar nett, fuq livell internazzjonali, l-Organizzazzjoni għall-kooperazzjoni u għall-iżvilupp ekonomiku (OCDE) irrakkomandat ukoll lir-Repubblika Taljana, fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet tagħha fuq l-implementazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fit-tranżazzjonijiet kummerċjali internazzjonali[28], li ttawwal il-perijodu tat-terminu ta' preskrizzjoni assolut previst mill-Kodiċi kriminali, b'mod li tiżgura l-effikaċità tal-prosekuzzjonijiet li jirrigwardaw fatti ta' korruzzjoni transnazzjonali u li tikkonforma ruħha għaldaqstant mar-rekwiżiti imposti mill-Artikolu 6 tal-konvenzjoni msemmija[29]. Dan hu dak li jidher li bdiet ir-Repubblika Taljana fil-kuntest tal-proposta ta' liġi approvata mis-Senato (is-Senat, l-Italja) fil-15 ta' Marzu 2017[30].

62. Dawn l-elementi jidhirli li huma importanti sabiex jinftiehem il-kuntest nazzjonali, imma wkoll Ewropew, li fih taqa' s-sentenza Taricco *et*.

63. Fit-tieni lok, fid-dawl tad-diskussjoni li saret waqt is-seduta, jidhirli li huwa importanti li jiġi rrettifikat l-approċċ univoku adottat mill-partijiet u mill-Kummissjoni, billi titfakkar l-ispeċifiċità li tikkostitwixxi n-natura stess tad-dritt kriminali.

25 Ara § 225, 242 u 245 ta' din is-sentenza.

26 Ara § 208 u 246 tas-sentenza msemmija.

27 Dawn ir-rapporti jistgħu jiġu kkonsultati fis-sit internet tal-GRECO (http://www.coe.int/fr/web/greco/evaluations) – evalwazzjoni skont il-pajjiż.

28 Ara, b'mod partikolari, l-Italja: fażi 2, Rapport dwar l-applikazzjoni tal-konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni ta' aġenti pubbliċi barranin fit-tranżazzjonijiet kummerċjali internazzjonali u tar-Rakkomandazzjoni tal-1997 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fit-tranżazzjonijiet kummerċjali internazzjonali, tad-29 ta' Novembru 2004, punti 146 *et seq.*, kif ukoll-l-Italja: fażi 2, rapport li jsegwi l-implementazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet skont il-fażi 2, Applikazzjoni tal-Konvenzjoni u tar-Rakkomandazzjoni riveduta tal-1997 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni ta' aġenti pubbliċi fit-tranżazzjonijiet kummerċjali internazzjonali, tat-23 ta' Marzu 2007, rakkomandazzjoni 7 (b), p. 17, u r-Rapport tal-fażi 3 fuq l-implementazzjoni mill-Italja tal-Konvenzjoni tal-OCDE fuq il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, tas-16 ta' Diċembru 2011, punti 94 *et seq.* (rapporti disponibbli fis-sit internet: http://www.oecd.org/fr/daf/anti-corruption/italie-conventiondelocdesurlaluttecontrelacorruption.htm).

29 Din id-dispożizzjoni titlob li jkun hemm "ħin biżżejjed għall-investigazzjonijiet u għall-prosekuzzjonijiet".

30 Proposta ta' liġi Nru 1844 bit-titolu "Modifiche al codice penale in materia di prescrizione del reato", disponibbli fis-sit internet tas-Senat Taljan: http://www.senato.it/leg/17/BGT/Schede/Ddliter/45439.htm.

64. Fil-fatt, id-dritt kriminali huwa dritt ta’ sanzjoni li huwa marbut mal-kunċett stess ta’ ordni pubbliku u, f’dan il-każ, ta’ ordni pubbliku tal-Unjoni. Dan id-dritt għaldaqstant għandu jġib bilanċ bejn l-osservanza tal-ordni pubbliku, l-ugwaljanza taċ-ċittadini f’għajnejn il-liġi meta dawn jiksruha u l-garanzija tad-drittijiet proċedurali tal-persuni mfittxija. Issa, fi kwalunkwe każ, l-invokar ta’ dawn il-garanziji minn waħda mill-partijiet li tfittex jew li tiġi mfittxija la jista’ jwassal għal dritt suġġettiv li tingħata sanzjoni b’mod arbitrarju u lanqas ma jista’ jwassal sabiex tiġi evitata l-konsegwenza normali u maħsuba tal-atti li jikkostitwixxu reat imwettqa.

## VII. Analiżi

65. Fil-kuntest tal-ewwel żewġ domandi preliminari tagħha, il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) tqajjem dubju dwar il-kompatibbiltà tal-prinċipji u tal-kriterji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Taricco *et* mal-prinċipju ta’ *nullum crimen, nulla poena sine lege*. Fl-ordinament ġuridiku Taljan, dan il-prinċipju jeżiġi li t-terminu ta’ preskrizzjoni jkun stabbilit bi preċiżjoni f’dispożizzjoni li tkun fis-seħħ fil-mument li fih ikunu twettqu l-fatti u fl-ebda każ ma jista’ jkun applikat b’mod retroattiv meta dan ikun ta’ żvantaġġ għall-persuna mfittxija.

66. Il-Kostituzzjoni Taljana tiggarantixxi b’hekk lil kull individwu d-dritt li jkun jaf, qabel ma jwettaq att sanzjonabbli, jekk dan jikkostitwixxix reat, il-piena u t-terminu ta’ preskrizzjoni applikabbli għalih, fejn l-ebda wieħed minn dawn l-elementi ma jista’ mbagħad jiġi emendat għad-detriment tal-persuna kkonċernata.

67. Issa, minħabba li jeżiġi li l-qorti nazzjonali ma tapplikax id-dispożizzjonijiet previsti fl-aħħar paragrafu tal-Artikolu 160 u fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 161 tal-Kodiċi kriminali fil-kuntest ta’ proċeduri pendenti, sabiex b’hekk ittawwal it-terminu ta’ preskrizzjoni applikabbli, il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) issostni li l-obbligu stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Taricco *et* imur kontra dan il-prinċipju.

68. Insostenn tal-approċċ tagħha, il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) tenfasizza li d-dispożizzjonijiet inkwistjoni ġew adottati bil-għan li jiġu ggarantiti, min-naħa, l-osservanza ta’ tul raġonevoli tal-proċedura u, min-naħa l-oħra, ir-rispett tad-drittijiet tal-persuna mfittxija. F’dan ir-rigward, għandu jiġi aċċettat li s-sentenza Taricco *et* ma tippermettix, waħidha, li tingħata risposta għall-kritika magħmula mill-qorti tar-rinviju.

69. Madankollu, ikun inġust li l-Qorti tal-Ġustizzja tiġi kkritikata eżaġeratament talli ma għamlitx dan inkwantu la t-Tribunale di Cuneo (qorti ta’ Coni), li hija l-awtur tal-ewwel rinviju għal deċiżjoni preliminari, u lanqas il-Gvern Taljan, fil-kuntest tal-osservazzjonijiet bil-miktub u orali tiegħu li ġew ippreżentati fil-kuntest tal-kawża li wasslet għas-sentenza Taricco *et*, ma semmew il-karatteristiċi partikolari marbutin man-natura u mar-regoli li jirregolaw is-sistema tal-preskrizzjoni fl-ordinament ġuridiku Taljan, li madankollu huma s-suġġett prinċipali tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari, karatteristiċi li llum qegħdin jissemmew mill-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali).

70. Għaldaqstant huwa wara dan ir-rikors supplimentari mill-qrati Taljani li jien ser nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkompleta l-ewwel risposta tagħha.

71. Fil-fatt, il-kwistjoni ma hijiex li jiġi kkontestat il-prinċipju stess stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Taricco *et*, fis-sens li l-qorti nazzjonali hija obbligata li ma tapplikax ir-regoli li jinsabu fl-aħħar paragrafu tal-Artikolu 160 u fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 161 tal-Kodiċi kriminali sabiex tiġi żgurata sanzjoni effettiva u dissważiva tal-frodi li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, imma pjuttost li jiġu speċifikati l-kriterji li fuq il-bażi tagħhom dan l-obbligu għandu jkun implementat.

## A. Fuq il-prinċipju stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Taricco *et*

72. Il-pożizzjoni li tesprimi l-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) hija bbażata fuq kunċetti li l-elementi tagħhom, kif hija tiddefinixxihom, jiksru b'mod partikolari l-prinċipju ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni u huma, minħabba f'hekk, inkompatibbli ma' dan tal-aħħar.

73. Qabel ma nibda l-analiżi tiegħi tad-domandi magħmula, jeħtieġ għaldaqstant li jiġu identifikati b'mod preċiż ħafna l-punti li jwasslu għal dan ir-riżultat.

74. Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege*, li għadu jissejjaħ l-prinċipju ta' legalità kriminali jew ta' legalità penali, dan jikkostitwixxi wieħed mill-prinċipji essenzjali tad-dritt kriminali modern. Dan il-prinċipju ġie stabbilit b'mod partikolari mill-penalist Taljan Cesare Beccaria li jirreferi, fit-trattat famuż *Des Délits et des Peines*[31], għax-xogħol ta' Montesquieu[32].

75. Huwa aċċettat tradizzjonalment li, skont dan il-prinċipju, reat ma jistax jiġi mfittex u ebda piena ma tista' tiġi imposta jekk dawn tal-aħħar ma jkunux previsti u ddefiniti mil-liġi qabel ma twettqu l-fatti.

76. Fil-kuntest ta' din il-kawża, dan il-prinċipju jqajjem diffikultà biss minħabba li, mad-definizzjoni ta' Beccaria, il-leġiżlazzjoni Taljana żżid li s-sistema tal-preskrizzjoni taqa' taħt dan il-prinċipju u li min iwettaq reat għandu għaldaqstant dritt kweżit li l-prosekuzzjonijiet kollha jseħħu taħt is-sistema tar-regoli tal-preskrizzjoni kif kienu jeżistu fil-ġurnata li fih wettaq ir-reat.

77. Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-preskrizzjoni, ma huwiex il-prinċipju nnifsu tagħha, imma s-sistema tagħha li hija hawnhekk inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni minħabba wkoll il-karatteristiċi partikolari introdotti mil-leġiżlazzjoni Taljana, ikkunsidrata fil-kuntest taż-żewġ modalitajiet li jikkostitwixxi s-sospensjoni u l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

78. Fil-fatt, fir-rigward tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, id-dispożizzjonijiet inkwistjoni jillimitaw l-ipoteżijiet li fihom il-preskrizzjoni tkun tista' tiġi interrotta billi jirriżervawha għal ftit atti proċedurali u, jekk ikun il-każ, tardivi, li jipproduċu, fuq kollox, effetti limitati. Għaldaqstant, meta jseħħ att interruttiv, dan ma għandux bħala konsegwenza li jibda jiddekorri terminu ġdid, identiku għat-terminu inizjali, imma biss li jtawwal lil dan tal-aħħar bi kwart biss tal-perijodu inizjali tiegħu, fejn dan it-titwil tat-terminu ta' preskrizzjoni ma jistax, barra minn hekk, ikun is-suġġett la ta' sospensjoni ġdida u lanqas ta' interruzzjoni ġdida, u għaldaqstant jista' jseħħ darba biss matul il-proċedura.

79. Il-qari flimkien tad-dispożizzjonijiet previsti fl-aħħar paragrafu tal-Artikolu 160 u fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 161 tal-Kodiċi kriminali jwassal għaldaqstant sabiex jiġi stabbilit limitu assolut fuq it-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli. Għaldaqstant, dan isir intanġibbli u jieħu, f'dan ir-rigward, l-aspett ta' terminu ffissat minn qabel, li huwa tradizzjonalment iddefinit bħala li huwa t-terminu għall-azzjoni li tistabbilixxi l-liġi u li d-dekorrenza tiegħu, b'kuntrast mal-preskrizzjoni, la tista' tiġi sospiża u lanqas interrotta[33]. Dan il-kunċett huwa għalhekk inkompatibbli mal-kunċett stess ta' preskrizzjoni u, barra minn hekk, skont l-awturi, dawn huma kunċetti kunfliġġenti jikkonfrontawhom ukoll wieħed mal-ieħor.

80. Fid-dawl tal-approċċ li ħadet il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) li tinvoka, insostenn tagħha, minn naħa, ix-xewqa li tiggarantixxi tul raġonevoli tal-proċedura u, min-naħa l-oħra, il-garanzija tad-drittijiet tal-persuna mfittxija, is-sentenza Taricco *et*, kif diġà rajna, ma fihiex l-elementi kollha li jippermettu li dan l-approċċ jiġi miġġieled.

31 1764.

32 Montesquieu, *De l'Esprit des Lois* (ktieb XI, kapitolu VI, De la Constitution d'Angleterre), 1748.

33 Ara Cornu G., *Vocabulaire juridique*, Presses universitaires de France, Pariġi, 2011.

81. Fir-realtà wieħed għandu jistaqsi dwar is-sors tal-inkompatibbilà li teżisti bejn is-sistema tal-preskrizzjoni prevista fl-aħħar paragrafu tal-Artikolu 160 u fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 161 tal-Kodiċi kriminali u r-rekwiżit tal-osservanza tal-effettività tad-dritt tal-Unjoni.

82. Dritt ikun effettiv biss jekk il-ksur tiegħu ikun issanzjonat.

83. Jekk, sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tiegħu, id-dritt tal-Unjoni jeżiġi li kull ksur ikun issanzjonat, kull sistema responsabbli mill-implementazzjoni tiegħu, iżda li, fil-fatt, twassal għal nuqqas ta' sanzjoni jew għal riskju evidenti u kbir ta' impunità tmur, mid-definizzjoni tagħha stess, kontra l-prinċipju tas-supremazija tad-dritt tal-Unjoni u l-prinċipju ta' effetività li fuqu huwa bbażat b'mod partikolari l-Artikolu 325 TFUE.

84. Dan huwa l-każ hawnhekk?

85. Ir-risposta tiegħi hija fl-affermattiv u hija bbażata fuq konstatazzjonijiet li huma marbutin b'mod partikolari man-natura stess tar-reati mwettqa kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u, b'mod partikolari, man-natura transnazzjonali tagħhom.

86. L-investigazzjonijiet magħmula fil-kuntest ta' din id-delinkwenza ekonomika u finanzjarja għandhom jippermettu li tiġi stabbilita l-portata tal-frodi fir-rigward tad-dewmien tagħha, tad-dimensjonijiet tagħha u tal-profitt li hija ġġenerat. Issa, immaġina ż-żmien li titlob investigazzjoni li tirrigwarda frodi karusell tal-VAT [34], li timplika kumpanniji velu mifruxa fit-territorju ta' diversi Stati Membri, koawturi u kompliċi ta' nazzjonalitajiet differenti, li teħtieġ investigazzjonijiet tekniċi, awditjar u tqabbil multipli, kif ukoll kapaċità fil-kontijiet u finanzjarja kbira u l-użu ta' miżuri internazzjonali ta' kooperazzjoni ġudizzjarja u mill-pulizija. Matul il-proċedura ġudizzjarja, l-awtoritajiet ġudizzjarji għandhom jidħlu fi proċedura kriminali kumplessa sabiex jistabbilixxu, b'osservanza tal-garanziji tad-dritt għal smigħ xieraq, ir-responsabbiltajiet individwali li jaqgħu fuq kull waħda mill-persuni mfittxija u għandhom jiffaċċjaw ukoll l-istrateġija ta' difiża adottata mill-avukati u l-esperti speċjalizzati l-oħra, li tikkonsisti li ttawwal il-proċedura sal-preskrizzjoni tal-istess.

87. F'kawżi ta' din in-natura, it-terminu impost għall-investigazzjoni u għall-proċedura sabiex tingħata deċiżjoni jidher għaldaqstant partikolarment insuffiċjenti u d-diversi rapporti mogħtija fuq livell nazzjonali u fuq livell internazzjonali juru effettivament in-natura sistematika tal-impotenza kkonstatata. Ir-riskju ta' impunità ma huwiex hawnhekk imputabbli għall-prokrastinazzjoni, għall-kompjaċenza jew għan-negliġenza tal-awtoritajiet ġudizzjarji, imma għan-nuqqas ta' adegwatezza tal-qafas leġiżlattiv sabiex jissanzjona l-frodi tal-VAT, peress li l-leġiżlatur nazzjonali stabbilixxa terminu għas-sentenza irraġonevoli, minħabba li huwa qasir u intanġibbli wisq u minħabba li ma jippermettix lill-qorti nazzjonali, minkejja l-isforzi kollha li hija tagħmel, sabiex tagħti lill-atti mwettqa s-sanzjoni normali li jixirqulhom.

88. Nifhem li waħda mill-preokkupazzjonijiet tal-leġiżlatur nazzjonali waqt l-emendi magħmula lis-sistema tal-preskrizzjoni mil-liġi ex-Cirielli kienet il-ġlieda kontra d-dewmien fil-proċeduri li ta' spiss kien ikkritikat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u għaldaqstant li jiggarantixxi, fl-interess tal-persuni mfittxija, it-tul raġonevoli tal-proċedura.

34 Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Mejju 2017 fuq ir-Rapport annwali 2015 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea – Ġlieda kontra l-frodi [2016/2097(INI)], il-Parlament Ewropew irrileva li l-frodi karusell tal-VAT waħidha kienet responsabbli għal telf ta' VAT b'valur approssimattiv ta' EUR 50 biljun fl-2014.

89. Issa, b'mod paradossali, dik l-emenda mqanqla mix-xewqa li tiġi żgurata l-ħeffa tal-proċeduri ġudizzjarji tikkostitwixxi ksur tal-kunċett stess ta' tul raġonevoli u finalment ostakolu għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja [35].

90. Fil-fatt, fil-kuntest tal-Artikolu 6(1) tal-KEDB, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tiddefinixxi t-tul raġonevoli bħala li jimponi li l-perijodu sal-għoti tas-sentenza ikun proporzjonat mal-kumplessità oġġettiva tal-kawża, mal-interessi involuti fil-kawża kif ukoll mal-attitudni tal-partijiet u tal-awtoritajiet kompetenti [36].

91. Issa, għandu jiġi kkonstatat li, min-natura tiegħu, terminu ffissat minn qabel imur kontra dan l-istess prinċipju.

92. Id-dritt għal tul raġonevoli ma huwiex dritt għal impunità u ma għandux jipprekludi l-kundanna effettiva tal-awtur tal-ksur.

93. Issa, it-terminu ffissat minn qabel jista' jipproduċi dan l-effett pervers.

94. F'dan ir-rigward, nemmen li għandi niġbed l-attenzjoni għat-test tal-proposta ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dwar il-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali [37], li tinkludi fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha r-reat ta' frodi gravi tal-VAT. Għalkemm il-Konvenzjoni PIF ma kinitx tirrigwarda l-kwistjoni tat-termini ta' preskrizzjoni, l-Artikolu 12 ta' din il-proposta ta' direttiva PIF introduċa sett ta' regoli vinkolanti u dettaljati ġodda li jikkonċernaw is-sistema tal-preskrizzjoni applikabbli għar-reati kriminali li jippreġudikaw il-baġit tal-Unjoni. L-Istati Membri huma għaldaqstant obbligati li jistabbilixxu terminu ta' preskrizzjoni.

95. Issa, għalkemm huwa minnu li l-imsemmija proposta ta' direttiva PIF tipprevedi termini ta' preskrizzjoni mtawwla b'mod li jippermettu lis-servizzi ta' prosekuzzjoni jaħdmu matul perijodu twil biżżejjed sabiex jiġġieldu dawn ir-reati b'mod effikaċi, hija tistabbilixxi wkoll terminu massimu u assolut għas-sentenza.

96. Għaldaqstant jien ngħid biss li ma nifhimx kif f'dik il-proposta kienet proposta sistema ta' preskrizzjoni bbażata fuq is-sistema proċedurali inkwistjoni f'din il-kawża, li l-effetti tagħha huma identiċi għal dawk iġġenerati mill-effett ikkombinat tal-aħħar paragrafu tal-Artikolu 160 u tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 161 tal-Kodiċi kriminali u li jidhirli għaldaqstant li ser tattira l-istess kritika peress li fir-realtà tinvolvi l-istess perikoli.

35 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem imfakkra fis-sentenza tat-12 ta' Ottubru 1992, Boddaert vs Il-Belġju (CE:ECHR:1992:1012JUD001291987, § 39), għalkemm l-Artikolu 6 tal-KEDB jeżiġi effettivament il-ħeffa tal-proċeduri ġudizzjarji, din id-dispożizzjoni tistabbilixxi wkoll il-prinċipju, iktar ġenerali, ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Skont il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, għandu jkun hemm, konsegwentement, bilanċ ġust bejn id-diversi aspetti ta' dan ir-rekwiżit fundamentali.

36 Skont il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kawża tkun kumplessa ħafna meta jqumu suspetti ta' reati "white collar", li jirrigwardaw, b'mod partikolari, il-frodi fuq skala kbira li timplika diversi kumpanniji jew tranżazzjonijiet kumplessi li jkollhom bħala suġġett li jevitaw il-kontroll tal-korpi ta' investigazzjoni u li jeħtieġu tagħrif tekniku kbir fil-kontabbiltà u fil-finanzi. Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-1 ta' Awwissu 2000, C.P. *et* vs Franza (CE:ECHR:2000:0801JUD003600997, §26 u l-ġurisprudenza ċċitata), dwar kwistjoni ekonomika u finanzjarja ta' abbużi minn oġġetti tal-korp, abbuż ta' fiduċja, ta' falsifikazzjoni u ffalsifikar ta' skritturi, u ta' qerq, li jimplikaw grupp ta' diversi kumpanniji u li jinvolvu diversi persuni. F'din il-kawża, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddeċidiet li l-karatteristika essenzjali tal-kawża kienet il-kumplessità kbira tagħha inkwantu kien hemm frodi fuq skala kbira, li timplika diversi kumpanniji, li dan it-tip ta' reat twettaq permezz ta' tranżazzjonijiet kumplessi li kellhom l-għan li jevitaw il-kontroll tal-korpi ta' investigazzjoni, li r-rwol preliminari tal-awtoritajiet ġudizzjarji kien jikkonsisti f'li jinkixef netwerk ta' kumpanniji marbutin bejniethom u li tiġi identifikata n-natura eżatta tar-relazzjonijiet bejn kull waħda minnhom, fuq livell istituzzjonali, amministrattiv u finanzjarju u li kien meħtieġ li jiġu organizzati ittri rogatorji internazzjonali kif ukoll kapaċità teknika kbira fil-kontabbiltà u fil-finanzi.

37 Proposta għal direttiva, tal-11 ta' Lulju 2012, COM(2012) 363 final iktar 'il quddiem il-"proposta għal direttiva PIF". Din id-direttiva kien ser ikollha bħala għan li tistabbilixxi regoli minimi dwar id-definizzjoni tar-reati kriminali, tas-sanzjonijiet u tat-termini ta' preskrizzjoni fil-qasam tal-ġlieda kontra l-frodi u l-attivitajiet illegali l-oħra li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, sabiex tikkontribwixxi b'mod iktar effikaċi għal protezzjoni aħjar kontra l-kriminalità li tippreġudika dawn l-interessi. Hija kienet intiża wkoll li ssaħħaħ il-livell ta' protezzjoni attwalment żgurat bil-Konvenzjoni stabbilita abbażi tal-Artikolu K.3 TUE, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, iffirmata fil-Lussemburgu fis-26 ta' Lulju 1995 (ĠU 1995, C 316, p. 48, iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni PIF"), li l-imsemmija direttiva ser tissostitwixxi għall-Istati Membri li rratifikaw din il-konvenzjoni.

97. Fil-fatt, dan it-tip ta' dispożizzjonijiet iwassal fir-realtà sabiex jitfa' fuq l-istituzzjonijiet ġudizzjarji r-responsabbiltà tan-nuqqas ta' qtugħ tal-kawżi. Dan jinjora l-fatt li l-effikaċità tal-proċeduri hija dipendenti fuq il-mezzi mpoġġija għad-dispożizzjoni tal-ġustizzja u li l-fatt li dawn ma jiġux ipprovduti jkun dejjem triq possibbli sabiex jiġu evitati l-obbligi li joħorġu mid-dritt tal-Unjoni. Ir-riskju huwa għaldaqstant li l-kawżi kkunsidrati bħala li huma l-iktar gravi u l-iktar kumplessi jiġu ggwidati lejn "short circuits" li ma jiżgurawx is-sanzjoni effettiva u dissważiva tar-reat u ma jippermettux b'mod partikolari li jinqabdu, f'perijodu suffiċjenti, l-awturi tagħhom. Huwa b'dan il-mod li bl-aħjar intenzjonijiet tad-dinja, nirriskjaw li niffaċilitaw il-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tal-attivitajiet illegali partikolarment vulnerabbli għall-Unjoni u ċ-ċittadini tagħha, li fl-aħħar mill-aħħar huma dejjem l-interessi tagħhom li jkunu leżi.

98. Għalkemm fil-fehma tiegħi jkun perfettament leġittimu li nipprevedu terminu li jibda mill-ġurnata tat-twettiq tar-reat u li meta dan jinqabeż ma tkun tista' ssir ebda prosekuzzjoni jekk ma tkun saret ebda investigazzjoni f'dan is-sens sal-iskadenza tiegħu, jidhirli, min-naħa l-oħra, li huwa assolutament indispensabbli li ġaladarba tinbeda, il-proċedura kriminali għandha tkun tista' tiżvolġi sa tmiemha, fejn kull att ta' prosekuzzjoni jikkostitwixxi att interruttiv tal-preskrizzjoni, li jiskatta d-dekorrenza ta' terminu ġdid, fl-intier tiegħu, u fejn l-uniċi limitu u referenza possibbli jkunu l-osservanza tal-prinċipju ta' tul raġonevoli kif iddefinit mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

99. Dan ir-riferiment għall-prinċipju ta' tul raġonevoli huwa, fil-fehma tiegħi, rekwiżit għall-Istati Membri kollha.

100. Fil-fatt, fil-kuntest tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, l-imsemmija Stati Membri jimplementaw id-dritt tal-Unjoni u huma, konsegwentement, marbutin bid-dispożizzjonijiet tal-Karta. Issa, peress li l-Artikolu 47 tal-Karta u l-Artikolu 6(1) tal-KEDB fihom dispożizzjonijiet ifformulati f'termini identiċi li jikkonċernaw il-prinċipju ta' tul raġonevoli tal-proċeduri, l-Istati Membri huma marbutin bid-definizzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li reġgħet tfakkret reċentement.

101. Konsegwentement, jidhirli li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tikkunsidra l-kunċett ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni bħala li jikkostitwixxi kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni u għandha tiddefinixxih fis-sens li kull att ta' prosekuzzjoni kif ukoll kull att li jikkostitwixxi estensjoni neċessarja tal-imsemmija prosekuzzjoni jinterrompi t-terminu ta' prosekuzzjoni, fejn dan l-att jiskatta għaldaqstant id-dekorrenza ta' terminu ġdid, identiku għat-terminu inizjali, u fejn it-terminu ta' preskrizzjoni li jkun diġà ddekorra jiġi għaldaqstant imħassar.

102. Hija biss definizzjoni bħal din li tippermetti li tiġi żgurata l-prosekuzzjoni tar-reati ta' dan it-tip.

103. Għalkemm in-negozjati li jirrigwardaw l-adozzjoni tal-proposta ta' direttiva PIF u dwar it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew itendu lejn definizzjoni komuni tal-frodi u tal-livell ta' sanzjonijiet applikabbli, tali armonizzazzjoni ma tistax tipproduċi riżultati sodisfaċenti jekk ma tkunx akkumpanjata minn u sostnuta b'miżuri effikaċi fil-qasam tal-investigazzjonijiet u tal-prosekuzzjonijiet u, b'mod partikolari, b'sistema ta' preskrizzjoni uniformi fl-Unjoni kollha.

104. Jekk dan ma jkunx il-każ, allura l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew [38] ikun fir-realtà twieled mejjet u, miegħu, il-funzjonament tajjeb tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

38 Ara l-Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, tas-17 ta' Lulju 2013 [COM(2013) 534 final] kif ukoll l-abbozz ta' regolament, tal-31 ta' Jannar 2017, dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (dokument 5766/17). Jekk l-abbozz ta' regolament jiġi adottat, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ikollu kompetenza fir-rigward tar-reati kollha li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, fosthom il-frodi transkonfinali tal-VAT. Fit-3 ta' April 2017, sittax il-Stat Membru nnotifikaw l-intenzjoni tagħhom li jniedu kooperazzjoni msaħħa għat-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew: ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka u r-Repubblika tal-Finlandja.

105. Fil-fatt, kif jista' jiġi aċċettat, ġewwa l-ispazju uniku li jippretendi li huwa l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, li l-istess reat kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkun preskritt fi Stat Membru mentri jista' jagħti lok għal kundanna definittiva fl-Istat viċin?

106. Peress li din is-sitwazzjoni seħħet diġà, huwa għaldaqstant essenzjali li ssir armonizzazzjoni tar-regoli ta' preskrizzjoni sabiex tiġi ggarantita protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni li tkun ekwivalenti u uniformi fl-Istati Membri kollha u b'hekk li jiġi evitat li d-delinkwenti ma jibbenefikawx minn kważi impunità billi japprofittaw mil-leġiżlazzjonijiet kriminali l-iktar favorevoli għall-interessi tagħhom, ħaġa li toħloq riskju ta' "forum shopping" [39].

107. Mill-bqija, il-Kummissjoni ilha għal dawn l-aħħar snin tiżvela kontinwament in-nuqqasijiet fis-sistema attwali, ikkaratterizzata minn qafas legali estremament ifframmentat minħabba d-diversità tat-tradizzjonijiet u tas-sistemi legali, minħabba r-ratifika jew in-nuqqas ta' ratifika tal-Konvenzjoni PIF [40] u minħabba l-prijoritajiet politiċi adottati fil-qasam kriminali mill-Istati Membri [41]. Fid-dawl tal-mobbiltà tad-delinkwenti u tal-profitti li jirriżultaw mill-attivitajiet illegali li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, u tal-kumplessità tal-investigazzjonijiet transkonfinali li din timplika, il-Kummissjoni tqis, attwalment, li t-termini nazzjonali ta' preskrizzjoni applikabbli fil-qasam ma humiex adegwati [42].

108. Fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha, u b'mod konformi mal-prinċipju stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Taricco *et*, jidhirli li l-Artikolu 325(1) u (2) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jeżiġi li qorti nazzjonali, li taġixxi bħala qorti tad-dritt komuni tal-Unjoni, għandha tastjeni milli tapplika t-terminu ta' preskrizzjoni assolut li jirriżulta mid-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tal-aħħar paragrafu tal-Artikolu 160 u tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 161 tal-Kodiċi kriminali f'każ fejn tali leġiżlazzjoni tipprekludi l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet effettivi u dissważivi f'każ ta' frodi gravi li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jew tipprevedi termini ta' preskrizzjoni itwal għall-każijiet ta' frodi gravi li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Istat Membru kkonċernat milli għal dawk li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

39 Ara wkoll punt 93 tar-Rapport Speċjali Nru 24/2015 tal-Qorti tal-Awdituri Ewropea "L-indirizzar tal-frodi intra-Komunitarja tal-VAT: Tinħtieġ aktar azzjoni" li jirrileva li "Il-frodi tal-VAT spiss tkun marbuta mal-kriminalità organizzata. Ir-rikavat tal-frodi MTIC normalment jiġi investit mill-ġdid f'attivitajiet kriminali oħra. Dan jeħtieġ l-adozzjoni ta' approċċ komuni u multidixxiplinarju għall-indirizzar tal-frodi [fi ħan l-Unjoni] tal-VAT". (p. 36).

40 Il-Konvenzjoni PIF ħolqot *de facto* sistema b'ħafna veloċitajiet, li twassal għal mużajk ta' sitwazzjonijiet legali differenti skont jekk hija għandha jew ma għandhiex saħħa ta' liġi fl-Istat Membru kkonċernat.

41 Ara l-Green Paper tal-Kummissjoni, tal-11 ta' Diċembru 2001, dwar il-protezzjoni kriminali tal-interessi finanzjarji Komunitarji u t-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew [COM(2001) 715 finali]; Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, tas-26 ta' Mejju 2011, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea permezz tal-liġi kriminali u l-investigazzjonijiet amministrattivi - Politika integrata għall-ħarsien tal-flus tal-kontribwenti [KUMM(2011) 293 finali]; proposta għal direttiva PIF; Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, tas-17 ta' Lulju 2013, Protezzjoni aħjar tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni: L-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u r-riforma tal-Eurojust [COM(2013) 532 final); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Parlamenti nazzjonali dwar ir-reviżjoni tal-proposta għal Regolament tal-Kunsill [tas-27 ta' Novembru 2013] dwar it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew fir-rigward tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, skont il-Protokoll Nru 2 [COM(2013) 851 final], (punt 2.3); Proposta għal Regolament tal-Kunsill, tas-17 ta' Lulju 2013, dwar it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew [COM(2013) 534 final] (ara, b'mod partikolari, id-dikjarazzjoni finanzjarja, punt 1.5, p. 55) kif ukoll l-abbozz ta' regolament, tal-31 ta' Jannar 2017, dwar l-istabbiliment ta' Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (dokument 5766/17); u, fl-aħħar nett, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali [COM(2017) 246 final] (punt 3).

42 Ara l-premessa 15 tal-proposta għal direttiva PIF, kif ukoll id-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni, disponibbli biss bl-Ingliż: Commission staff working paper to the European Parliament, the Council, the European Economic and Social Committee and the Committee of the Regions Accompanying the document communication from the Commission on the protection of the financial interests of the European Union by criminal law and by administrative investigations: An integrated policy to safeguard taxpayers' money [SEC(2011) 621], tas-26 ta' Mejju 2011 (p. 3 et 4). Ara wkoll ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, tad-19 ta' Lulju 2012, Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea – Il-ġlieda kontra l-frodi, Ir-Rapport Annwali tal-2011 [COM(2012) 408 final], li fih il-Kummissjoni rrilevat li r-rata ta' suċċess fil-prosekuzzjonijiet li jirrigwardaw ir-reati kontra l-baġit tal-Unjoni tvarja kunsiderevolment minn Stat Membru għall-ieħor (minn 14 għal 80 %). Fil-ħdax-il rapport ta' ħidma tiegħu, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) analizza wkoll kemm ġew segwiti ġudizzjarjament il-kawżi tiegħu mill-Istati Membri fuq perijodu ta' tnax-il sena u kkonstatata "differenzi kbar ħafna bejn il-pajjiżi skont il-kapaċità tagħhom li jikkonkludu b'kundanna fi żmien raġonevoli l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet ġudizzjarji marbutin mal-baġit tal-UE" (p. 42 sa 44 u, b'mod partikolari, it-tabella p. 43), rapport li huwa disponibbli fis-sit internet li ġej: https://ec.europa.eu/anti-fraud/sites/antifraud/files/docs/body/rep_olaf_2010_en.pdf.

109. Jidhirli wkoll li l-kunċett ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni għandu jitqies bħala li jikkostitwixxi kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni u għandu jiġi ddefinit fis-sens li kull att ta' prosekuzzjoni kif ukoll kull att li jikkostitwixxi estensjoni neċessarja tal-imsemmija prosekuzzjoni jinterrompi t-terminu ta' preskrizzjoni, fejn dak l-att jiskatta għaldaqstant d-dekorrenza ta' terminu ġdid, identiku għat-terminu inizjali, u fejn it-terminu ta' preskrizzjoni li jkun diġà ddekorra jiġi għaldaqstant imħassar.

## B. Fuq il-kundizzjonijiet li fihom il-qrati nazzjonali huma obbligati ma japplikawx id-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tal-aħħar paragrafu tal-Artikolu 160 u tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 161 tal-Kodiċi kriminali

### *1. Il-kriterji li għandhom jiġu applikati*

110. Skont il-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Taricco *et*, il-qrati nazzjonali għandhom l-obbligu li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet previsti fl-aħħar paragrafu tal-Artikolu 160 u fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 161 tal-Kodiċi kriminali sa fejn dawn jipprekludu "l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet effettivi u dissważivi *f'numru kunsiderevoli ta' każijiet ta' frodi serja* li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni" [43].

111. Il-kriterji li abbażi tagħhom il-qrati nazzjonali huma mistennija ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tal-kodiċi kriminali tagħhom stess huma, kif tirrileva l-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali), vagi u ġeneriċi. Fl-assenza ta' linji gwida jew ta' kull preċiżazzjoni oħra fis-sentenza Taricco *et*, il-qorti nazzjonali waħidha hija fil-fatt inkapaċi li tiddefinixxi, b'mod inekwivoku, l-ipoteżijiet li fihom il-preġudizzju għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandu jiġi kklassifikat bħala "gravi" u l-każijiet li fihom l-applikazzjoni tar-regoli ta' preskrizzjoni inkwistjoni jkollhom l-effett li jipprekludu l-"impożizzjoni ta' sanzjonijiet effettivi u dissważivi *f'numru kunsiderevoli ta' każijiet*" [44].

112. Fil-kuntest ta' proċedura kriminali pendenti, huwa effettivament diffiċli sabiex b'mod konkret il-qorti nazzjonali tkun meħtieġa tissodisfa għan, bħalma huwa l-ġlieda kontra r-reati tal-VAT, billi tintalab ma tapplikax regola sostantiva tad-dritt kriminali tagħha, dwar il-preskrizzjoni tar-reati u tal-pieni, abbażi ta' kriterju li jista' jidher, veru, bħala li jintroduċi element ta' suġġettività fil-kuntest tal-evalwazzjoni mitluba.

113. Il-kriterju stabbilit fis-sentenza Taricco *et* huwa bbażat fuq l-eżistenza ta' riskju sistematiku ta' impunità.

114. L-evalwazzjoni tan-natura sistematika tista' effettivament tkun operazzjoni delikata għall-qorti nazzjonali adita bil-kawża, inkwantu, mill-aspett estern, dan l-eżerċizzju jista' jidher li jinvolvi doża ta' suġġettività min-naħa ta' dan tal-aħħar.

115. Ċertament, l-evalwazzjoni tan-natura sistematika tista' tirriżulta mill-applikazzjoni ta' kriterji oġġettivi jew minn evalwazzjoni globali magħmula mill-qorti suprema Taljana, li tkun torbot lill-qrati nazzjonali kollha. Madankollu, mid-dibattiti waqt is-seduta ma jirriżultax li tali soluzzjoni tidher li hija possibbli fir-rigward tal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Barra minn hekk, ir-Repubblika Taljana, li l-attitudni tagħha, għandu jiġi enfasizzat, hija manifestament espressjoni tar-rieda li ssib soluzzjoni xierqa u konformi mad-dritt tal-Unjoni, ma setgħatx tipprovdi garanziji suffiċjenti fuq dan il-punt.

116. Konsegwentement, nipproponi li dan l-obbligu jkun ibbażat biss fuq in-natura tar-reat u huwa l-obbligu tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jiddefinixxi din in-natura.

43 Il-punt 58 ta' din is-sentenza. L-enfasi hija tiegħi.

44 Il-punt 58 ta' din is-sentenza. L-enfasi hija tiegħi.

117. Nikkonstata li, fil-kuntest tan-negozjati sabiex tiġi adottata l-proposta ta' direttiva PIF, il-leġiżlatur tal-Unjoni ddefinixxa l-kunċett ta' reati gravi li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, li jinkludu wkoll il-frodi tal-VAT, bħala li jkopri r-reati kollha li għandhom rabta mat-territorju ta' żewġ Stati Membri jew iktar u li jinvolvu preġudizzju ta' ammont totali li jaqbeż il-limitu ta' għaxar miljun euro, fejn dan il-limitu huwa s-suġġett ta' klawżola ta' reviżjoni [45].

## *2. Fuq l-effetti rationae temporis tal-obbligu stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Taricco et*

118. Skont il-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Taricco *et*, il-qorti nazzjonali hija obbligata, jekk ikun il-każ, li ma tapplikax id-dispożizzjoni kkunsidrati flimkien tal-aħħar paragrafu tal-Artikolu 160 u tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 161 tal-Kodiċi kriminali, fil-kuntest tal-proċeduri pendenti, u dan bil-għan li tiżgura, skont l-Artikolu 325 TFUE, is-sanzjoni effettiva tal-frodi kkonstatata.

119. Kif esponejt, il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) issostni li l-qorti nazzjonali ma tistax tikkonforma ruħha ma' dan l-obbligu minħabba l-istatus u l-portata li għandu l-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege* fl-ordinament ġuridiku Taljan.

120. F'dan ir-rigward, il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) issostni li l-Artikolu 53 tal-Karta jippermetti lir-Repubblika Taljana tapplika l-istandard tagħha stess għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, meta dan ikun ogħla minn dak li jirriżulta mill-interpretazzjoni tal-Artikolu 49 tal-Karta, u jippermetti għaldaqstant lill-qorti nazzjonali li topponi għat-twettiq tal-obbligu stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja.

121. Il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) tirreferi wkoll għall-Artikolu 4(2) TUE sabiex issostni li d-dritt tal-Unjoni ma jistax jisforza tali implementazzjoni mingħajr ma jippreġudika l-identità nazzjonali u, b'mod partikolari, dik kostituzzjonali tar-Repubblika Taljana.

122. Jien ma naqbilx mal-interpretazzjoni proposta mill-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali).

### *a) Fuq il-portata tal-prinċipju ta' nullum crimen, nulla poena sine lege fid-dritt tal-Unjoni*

123. Fl-ewwel lok, nafu li s-sanzjoni tal-atti li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u li l-qorti nazzjonali hija marbuta li tiżgura l-effettività ta' dan id-dritt u, b'mod partikolari, tad-dritt primarju.

124. Fil-kuntest tad-dritt tal-Unjoni, il-prinċipji ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege* jinsab stabbilit fl-Artikolu 49 tal-Karta. Skont l-Artikolu 51(1) tal-istess Karta, dan l-artikolu japplika għall-Istati Membri meta dawn jimplementaw id-dritt tal-Unjoni, kif inhu l-każ hawnhekk.

125. Skont l-Ispjegazzjonijiet dwar il-Karta [46], l-Artikolu 49(1) (ħlief għall-aħħar sentenza) u (2) tal-Karta, jikkorrispondu għall-Artikolu 7 tal-KEDB. Skont l-Artikolu 52(3) tal-Karta, sa fejn din fiha drittijiet li jikkorrispondu għal drittijiet iggarantiti mill-KEDB, it-tifsira u l-portata ta' dawk id-drittijiet għandhom ikunu l-istess bħal dawk stabbiliti mill-konvenzjoni msemmija, filwaqt li ġie ppreċiżat li din id-dispożizzjoni ma żżommx lid-dritt tal-Unjoni milli jipprevedi protezzjoni iktar estensiva.

45 Fil-premessa 14 tal-proposta għal direttiva PIF, il-Kummissjoni ssostni li l-każijiet ta' frodi gravi kellhom jiġu ddefiniti "billi jkun hemm referenza għal ċertu minimu ta' dannu globali, mfisser fi flus, li l-aġir kriminali bilfors li kkawża fil-baġit tal-Unjoni u possibilment xi baġit ieħor".

46 Ara l-Ispjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (ĠU 2007, C 303, p. 17).

126. Fil-punti 54 sa 56 tas-sentenza Taricco *et*, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 49 tal-Karta jkopri biss id-definizzjoni tar-reati kif ukoll il-livell tas-sanzjonijiet applikabbli għalihom. Inkwantu dan il-prinċipju ma jestendix għad-determinazzjoni tat-termini ta' preskrizzjoni, hija ddeċidiet konsegwentement li dan il-prinċipju ma jipprekludix lill-qorti nazzjonali milli tapplika, għal proċedura pendenti, terminu ta' preskrizzjoni itwal minn dak previst fil-mument li fih twettaq ir-reat.

127. Din l-evalwazzjoni hija konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-portata tal-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege*.

128. Il-prinċipji ġenerali dwar l-applikazzjoni tar-regoli ta' preskrizzjoni ġew sintetizzati mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza tagħha Coëme *et* vs Il-Belġju [47] u reċentement affermati mill-ġdid fid-deċiżjonijiet tagħha Previti vs L-Italja [48] u Borcea vs Ir-Rumanija [49].

129. L-Artikolu 7 tal-KEDB jistabbilixxi l-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege*: "filwaqt li huwa pprojbit b'mod partikolari li l-kamp ta' applikazzjoni tar-reati eżistenti jiġi estiż għal fatti li, qabel, ma kinux jikkostitwixxu reati, jeħtieġ barra minn hekk li l-liġi kriminali ma tiġix applikata b'mod estensiv għad-detriment tal-akkużat, pereżempju, b'analoġija. Minn dan isegwi li l-liġi għandha tiddefinixxi b'mod ċar ir-reati u s-sanzjonijiet li japplikaw għalihom. Dan ir-rekwiżit ikun sodisfatt meta l-individwu jista' jkun jaf, mill-kliem tad-dispożizzjoni rilevanti u jekk meħtieġ bl-għajnuna tal-interpretazzjoni li l-qrati taw lil din id-dispożizzjoni, liema atti jew ommissjonijiet jagħtu lok għar-responsabbiltà kriminali tiegħu" [50].

130. Skont il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, "ir-regoli dwar ir-retroattività li jinsabu fl-Artikolu 7 tal-[KEDB] japplikaw biss għad-dispożizzjonijiet li jiddefinixxu r-reati u s-sanzjonijiet li jirreprimuhom" [51]. Għaldaqstant, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem issostni li huwa l-obbligu tagħha li tiżgura li "fil-mument li l-akkużat ikun wettaq l-att li wassal għall-prosekuzzjoni u, eventwalment, għall-kundanna, kienet teżisti dispożizzjoni legali li tirrendi l-att sanzjonabbli u li l-piena imposta ma eċċedietx il-limiti stabbiliti minn dik id-dispożizzjoni" [52].

131. Min-naħa l-oħra, fis-sentenza Cöeme *et* vs Il-Belġju [53], il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qieset bħala raġonevoli l-applikazzjoni, mill-qrati nazzjonali, tal-prinċipju *tempus regit actum* għal dak li jikkonċerna l-liġijiet proċedurali, f'dan il-każ, l-applikazzjoni immedjata għall-proċeduri pendenti ta' liġijiet li jemendaw ir-regoli ta' preskrizzjoni.

132. Skont il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-applikazzjoni immedjata ta' liġi li ttawwal it-termini ta' preskrizzjoni ma tippreġudikax l-Artikolu 7 tal-KEDB "peress li wieħed ma jistax jinterpreta din id-dispożizzjoni bħala li tipprekludi, bl-effett tal-applikazzjoni immedjata ta' liġi proċedurali, it-titwil tat-termini ta' preskrizzjoni meta l-fatti imputati lill-persuna ma jkunu qatt ġew

47 Qorti EDB, 22 ta' Ġunju 2000, CE:ECHR:2000:0622JUD003249296.

48 Qorti EDB, 12 ta' Frar 2013, CE:ECHR:2013:0212DEC000184508.

49 Qorti EDB, 22 ta' Settembru 2015, CE:ECHR:2015:0922DEC005595914.

50 Qorti EDB, 22 ta' Ġunju 2000, Cöeme *et* vs Il-Belġju, CE:ECHR:2000:0622JUD003249296, § 145.

51 Qorti EDB, 22 ta' Settembru 2015, Borcea vs Ir-Rumanija, CE:ECHR:2015:0922DEC005595914, § 60.

52 Qorti EDB, 22 ta' Ġunju 2000, Cöeme *et* vs Il-Belġju, CE:ECHR:2000:0622JUD003249296, § 145.

53 Qorti EDB, 22 ta' Ġunju 2000, CE:ECHR:2000:0622JUD003249296.

preskritti”[54]. Għaldaqstant, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikklassifikat ir-regoli ta' preskrizzjoni bħala "liġijiet proċedurali". Hija tosserva li r-regoli fuq il-preskrizzjoni ma jiddefinixxux ir-reati u s-sanzjonijiet li jirreprimuhom u jistgħu għaldaqstant ikunu interpretati bħala li jistabbilixxu kundizzjoni preliminari għall-eżami tal-kawża[55].

133. Fid-deċiżjoni tagħha Previti vs L-Italja[56], il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikklassifikat għaldaqstant ir-regoli ġodda ta' preskrizzjoni introdotti mil-liġi ex-Cirielli bħala regoli proċedurali. Infakkar li huma l-emendi qawwija li saru b'din il-liġi li kienu involuti fil-kuntest tal-kawża li wasslet għas-sentenza Taricco *et* u li jinteressawna llum hawnhekk.

134. Fil-kawża li wasslet għad-deċiżjoni Previti vs L-Italja[57], il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem intalbet, b'mod partikolari, tevalwa jekk il-kundizzjonijiet li fihom it-termini ta' preskrizzjoni ġodda kienu ġew applikati kinux kompatibbli mar-rekwiżiti tal-Artikolu 7 tal-KEDB. F'dak il-każ, ir-rikorrent, li l-appell tiegħu kien pendenti fil-kassazzjoni, ilmenta li ma setax jibbenefika mit-tqassir tat-terminu ta' preskrizzjoni previst għar-reat ta' korruzzjoni, fejn dan minn ħmistax niżel għal tmien snin. Fil-fatt, skont is-sistema tranżitorja prevista mil-leġiżlatur, id-dispożizzjonijiet ġodda iktar favorevoli għall-akkużat fil-qasam ta' preskrizzjoni kienu applikabbli għal kull proċedura pendenti fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-liġi, ħlief madankollu l-proċeduri pendenti quddiem il-Corte suprema di cassazione (qorti ta' kassazzjoni), ħaġa li kienet eskludiet *de facto* lir-rikorrent mill-benefiċċju tagħhom.

135. Il-kwistjoni kienet għaldaqstant dwar jekk id-dispożizzjonijiet li jiddeterminaw it-termini ta' preskrizzjoni kinux suġġetti, bl-istess mod bħad-dispożizzjonijiet li jiddefinixxu r-reati u s-sanzjonijiet li jirreprimuhom, għal regoli partikolari fil-qasam tar-retroattività, li jinkludu l-prinċipju ta' retroattività tal-liġi kriminali iktar favorevoli.

136. Sabiex tingħata risposta lil din id-domanda u sabiex tiġi evalwata, għaldaqstant, il-fondatezza tal-ilment ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 7 tal-KEDB, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qajmet il-kwistjoni ta' jekk il-liġi ex-Cirielli kienx fiha dispożizzjonijiet tad-dritt kriminali sostantiv.

137. Hija rrispondiet fin-negattiv, fejn ikklassifikat l-emendi leġiżlattivi introdotti bil-liġi ex-Cirielli bħala "regoli proċedurali".

138. B'mod konformi mal-ġurisprudenza stabbilita tagħha, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fakkret fil-fatt li r-regoli fil-qasam tal-preskrizzjoni, inkwantu ma jiddefinixxux ir-reati u s-sanzjonijiet li jirreprimuhom, jistgħu jiġu interpretati bħala li jistabbilixxu sempliċi kundizzjoni preliminari għall-eżami tal-kawża u jistgħu għaldaqstant ikunu kklassifikati bħala "liġijiet proċedurali"[58].

54 Qorti EDB, 22 ta' Settembru 2015, CE:ECHR:2015:0922DEC005595914, § 64.

55 Qorti EDB, 12 ta' Frar 2013, Previti vs L-Italja, CE:ECHR:2013:0212DEC000184508, § 80. Sabiex dispożizzjoni tiġi kklassifikata bħala li taqa' taħt id-dritt kriminali sostantiv jew taħt id-dritt kriminali proċedurali, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem teżamina sa fejn din id-dispożizzjoni tinfluwenza l-klassifikazzjoni tar-reat jew is-severità tas-sanzjoni. Fis-sentenza tal-QEDB tas-17 ta' Settembru 2009, Scoppola vs L-Italja (CE:ECHR:2009:0917JUD001024903, § 110 sa 113), wara li rrilevat li dispożizzjoni kklassifikata bħala proċedurali fid-dritt intern kellha influwenza fuq is-severità tas-sanzjoni li kellha tiġi imposta, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddeċidiet li din id-dispożizzjoni kienet taqa' fir-realtà taħt id-dritt kriminali sostantiv, li għalih kienet tapplika l-aħħar sentenza tal-imsemmi Artikolu 7(1).

56 Qorti EDB, 12 ta' Frar 2013, CE:ECHR:2013:0212DEC000184508.

57 Qorti EDB, 12 ta' Frar 2013, CE:ECHR:2013:0212DEC000184508.

58 Qorti EDB, 12 ta' Frar 2013, CE:ECHR:2013:0212DEC000184508, § 80.

139. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddeċidiet għaldaqstant li, b'kuntrast mad-dispożizzjonijiet li jiddefinixxu r-reati u s-sanzjonijiet li jirreprimuhom[59], l-Artikolu 7 tal-KEDB ma jipprekludix għaldaqstant l-applikazzjoni immedjata għall-proċeduri pendenti (*tempus regit actum*) ta' liġi li ttawwal it-termini ta' preskrizzjoni, meta l-fatti imputati lill-akkużat ma jkunu qatt ġew preskritti[60] u fl-assenza ta' arbitrarjetà[61].

140. Inkwantu r-regoli ta' preskrizzjoni introdotti mil-liġi ex-Cirielli kellhom jiġu kklassifikati bħala "liġijiet proċedurali" u inkwantu s-sistema tranżitorja la kienet tidher irraġonevoli u lanqas arbitrarja, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddeċidiet li ma hemmx xejn fil-KEDB li jipprekludi lil-leġiżlatur Taljan milli jirregola l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għall-proċessi li jkunu pendenti fil-mument tad-dħul fis-seħħ tal-liġi.

141. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, insostni li, fid-dawl tal-formulazzjoni tal-Artikolu 49 tal-Karta u tal-ġurisprudenza mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-portata tal-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege* stabbilit fl-Artikolu 7 tal-KEDB, xejn ma jipprekludi lill-qorti nazzjonali, fil-kuntest tat-twettiq tal-obbligi li għandha skont id-dritt tal-Unjoni, milli ma tapplikax id-dispożizzjonijiet previsti fl-aħħar paragrafu tal-Artikolu 160 u fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 161 tal-Kodiċi kriminali fil-proċeduri pendenti.

142. Il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) issostni wkoll li l-prinċipji stabbiliti fis-sentenza Taricco *et* huma inkompatibbli mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 7 tal-KEDB u, b'mod partikolari, mar-rekwiżit tal-prevedibbiltà, inkwantu l-individwi kkonċernati ma setgħux raġonevolment jipprevedu, fid-dawl tal-qafas regolatorju li kien fis-seħħ fil-mument tal-fatti, li d-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-Artikolu 325 TFUE, kien ser jimponi fuq il-qorti li ma tapplikax l-aħħar paragrafu tal-Artikolu 160 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 161 tal-Kodiċi kriminali[62].

143. Issa, jidhirli li l-individwi kkonċernati ma setgħux ma jkunux jafu li l-fatti li llum huma akkużati bihom setgħu jwasslu għar-responsabbiltà kriminali tagħhom u setgħu jwasslu, f'każ ta' kundanna definittiva, għall-applikazzjoni tas-sanzjoni stabbilita fil-liġi. Dawn l-atti kienu jikkostitwixxu reati fil-mument li twettqu u s-sanzjonijiet ma humiex iktar ħorox minn dawk li kienu applikabbli fil-mument tal-fatti. Jien ma naħsibx li, minħabba t-twettiq ta' dan l-obbligu mill-qorti nazzjonali, il-persuni kkonċernati jsofru preġudizzju ikbar minn dak li huma kienu esposti għalih fiż-żmien li fih twettaq ir-reat.

### *b) Fuq il-portata tal-Artikolu 53 tal-Karta*

144. Il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) tinvoka wkoll id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 53 tal-Karta sabiex toġġezzjona għat-twettiq tal-obbligu impost mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Taricco *et.*

145. Hija tikkontempla, fil-fatt, l-interpretazzjoni li skontha l-Artikolu 53 tal-Karta jippermetti lir-Repubblika Taljana li tapplika standard ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ggarantit mill-Kostituzzjoni Taljana inkwantu dan l-istandard ikun ogħla minn dak li jirriżulta mill-interpretazzjoni tal-Artikolu 49 tal-Karta, u li tinvokah sabiex toġġezzjona għat-twettiq tal-obbligu impost mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Taricco *et.*

59 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ir-regoli dwar ir-retroattività li jinsabu fl-Artikolu 7 tal-KEDB japplikaw biss għad-dispożizzjonijiet li jiddefinixxu r-reati u s-sanzjonijiet li jirreprimuhom. Bħala prinċipju, huma ma japplikawx għal-liġijiet proċedurali, li l-applikazzjoni immedjata tagħhom skont il-prinċipju *tempus regit actum* ġiet meqjusa bħala raġonevoli mill-Qorti.

60 Ara, b'mod partikolari, Qorti EDB, 22 ta' Ġunju 2000, Cöeme *et* vs Il-Belġju, CE:ECHR:2000:0622JUD003249296, § 149.

61 Qorti EDB, 12 ta' Frar 2013, Previti vs L-Italja, CE:ECHR:2013:0212DEC000184508, § 80 sa 85.

62 Qorti EDB, 22 ta' Settembru 2015, Borcea vs Ir-Rumanija, CE:ECHR:2015:0922DEC005595914, § 59.

146. Din l-interpretazzjoni tippermetti lill-qorti nazzjonali li teħles minn dan l-obbligu, inkwantu dan l-obbligu jeżiġi mingħand din il-qorti li ma tapplikax l-applikazzjoni tar-regoli ta' preskrizzjoni inkwistjoni fil-kuntest tal-proċeduri pendenti.

147. Id-domandi preliminari li saru mill-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) iwasslu għaldaqstant sabiex wieħed jistaqsi fuq il-marġni ta' diskrezzjoni li għandhom l-Istati Membri sabiex jiffissaw il-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali li huma jixtiequ jiggarantixxu fil-kuntest tal-implementazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

*1) Kunsiderazzjonijiet preliminari*[63]

148. Għalkemm huwa minnu li l-interpretazzjoni tad-drittijiet protetti bil-Karta għandha xxaqleb lejn livell għoli ta' protezzjoni, bħalma jista' jiġi dedott mill-Artikolu 52(3) tal-Karta kif ukoll mill-Ispjegazzjonijiet dwar l-Artikolu 52(4) tagħha, jeħtieġ, madankollu, jiġi ċċarat li dan għandu jinvolvi livell ta' protezzjoni "li huwa adegwat għal-liġi ta' l-Unjoni", kif jiċċaraw ukoll l-istess spjegazzjonijiet.

149. Dan ifakkar prinċipju li ilu jiggwida l-interpretazzjoni tad-drittijiet fundamentali fi ħdan l-Unjoni, jiġifieri li s-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali fi ħdan l-Unjoni għandha tkun żgurata fil-kuntest tal-istruttura u tal-għanijiet tal-Unjoni[64]. F'dan ir-rigward, ma huwiex indifferenti li l-preambolu tal-Karta jsemmi l-għanijiet prinċipali tal-Unjoni, li fosthom hemm il-ħolqien ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

150. Għaldaqstant, ma huwiex possibbli li jsir raġunament esklużivament f'termini ta' livell iktar jew inqas għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti imperattivi marbuta mal-azzjoni tal-Unjoni u n-natura speċifika tad-dritt tal-Unjoni.

151. Id-drittijiet fundamentali li għandhom ikunu protetti u l-livell ta' protezzjoni li għandu jingħatalhom jirriflettu l-għażla ta' soċjetà partikolari fir-rigward tal-bilanċ ġust li għandu jintlaħaq bejn l-interessi tal-individwi u dawk tal-kollettività li għaliha jappartjenu. Din id-determinazzjoni hija marbuta mill-qrib mal-evalwazzjonijiet li jkunu individwali għall-ordinament ġuridiku kkonċernat, b'mod partikolari skont il-kuntest soċjali, kulturali u storiku tiegħu, u għaldaqstant ma jistax jiġi awtomatikament traspost għal kuntesti oħrajn.

152. L-interpretazzjoni tal-Artikolu 53 tal-Karta f'sens li jippermetti lill-Istati Membri li japplikaw, fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, ir-regoli kostituzzjonali tagħhom li jiggarantixxu livell ta' protezzjoni ogħla tad-dritt fundamentali inkwistjoni twassal, għalhekk, sabiex jiġi injorat li l-eżerċizzju konsistenti fid-determinazzjoni tal-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali li għandu jintlaħaq jiddependi strettament fuq il-kuntest li fih jitwettaq.

153. Għalhekk, anki jekk l-għan huwa dak li jitfittex livell elevat ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, in-natura speċifika tad-dritt tal-Unjoni timplika li l-livell ta' protezzjoni li jitnissel mill-interpretazzjoni ta' kostituzzjoni nazzjonali ma huwiex awtomatikament trasponibbli għal-livell tal-Unjoni u lanqas opponibbli fl-kuntest tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

63 Dawn il-kunsiderazzjonijiet jinsabu fil-punti 106 sa 112 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Melloni (C-399/11, EU:C:2012:600).
64 Ara s-sentenza tas-17 ta' Diċembru 1970, Internationale Handelsgesellschaft (11/70, EU:C:1970:114, punt 4).

154. Fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali li għandu jiġi ggarantit fi ħdan l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-interessi speċifiċi li janimaw l-azzjoni tal-Unjoni. L-istess japplika, b'mod partikolari, għall-uniformità neċessarja fl-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u għar-rekwiżiti imperattivi marbutin mal-ħolqien ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Dawn l-interessi speċifiċi jwasslu sabiex jadattaw il-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali skont id-diversi interessi involuti.

*2) Evalwazzjoni*

155. Għall-istess raġunijiet esposti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Melloni[65], l-interpretazzjoni tal-Artikolu 53 tal-Karta li tissuġġerixxi l-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) ma tistax, fil-fehma tiegħi, tiġi adottata.

156. Tali interpretazzjoni tippreġudika karatteristika essenzjali tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, jiġifieri l-prinċipju tas-supremazija tad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, din l-interpretazzjoni tippermetti lil Stat Membru li jopponi għall-implementazzjoni ta' obbligu stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja, li huwa perfettament konformi mal-Karta, peress li dan l-obbligu ma josservax l-istandard ta' protezzjoni iktar għoli tad-drittijiet fundamentali ggarantit mill-kostituzzjoni ta' dak l-Istat.

157. Għaldaqstant, fis-sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Melloni[66], il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont il-prinċipju tas-supremazija tad-dritt tal-Unjoni, il-fatt li Stat Membru jinvoka dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali, anki jekk dawn ikunu ta' livell kostituzzjonali, ma jistax jaffettwa l-effett tad-dritt tal-Unjoni fit-territorju ta' dan l-Istat[67].

158. L-Artikolu 53 tal-Karta jikkonferma li, fejn att tad-dritt tal-Unjoni jirrikjedi miżuri nazzjonali ta' implementazzjoni, l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali jistgħu japplikaw standards nazzjonali ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li dik l-applikazzjoni ma għandhiex tippreġudika la l-livell ta' protezzjoni previst mill-Karta, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja, u lanqas is-supremazija, l-unità u l-effettività tad-dritt tal-Unjoni[68].

159. Fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Melloni[69], jien iddistingwejt is-sitwazzjonijiet li fihom teżisti definizzjoni fuq livell tal-Unjoni tal-grad ta' protezzjoni li għandu jkun iggarantit lil xi dritt fundamentali fil-kuntest tal-implementazzjoni ta' azzjoni tal-Unjoni minn dawk fejn il-livell ta' protezzjoni ma kienx is-suġġett ta' definizzjoni komuni.

160. Fl-ewwel każ, jien sostnejt li l-invokar *a posteriori* minn Stat Membru taż-żamma tal-livell ta' protezzjoni ogħla tiegħu għandu bħala konsegwenza li jikser il-bilanċ milħuq mil-leġiżlatur tal-Unjoni u għaldaqstant li japplika ħażin id-dritt tal-Unjoni. Il-livell ta' protezzjoni ġie fil-fatt stabbilit b'mod li jirrifletti l-għanijiet tal-azzjoni tal-Unjoni li hija kkonċernata. Għaldaqstant huwa jirrifletti l-bilanċ bejn in-neċessità li jiżgura l-effikaċità tal-azzjoni tal-Unjoni u dik li jipproteġi suffiċjentement id-drittijiet fundamentali.

65 C-399/11, EU:C:2013:107.

66 C-399/11, EU:C:2013:107.

67 Punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata.

68 Punt 60 tas-sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Melloni (C-399/11, EU:C:2013:107).

69 C-399/11, EU:C:2012:600.

161. Min-naħa l-oħra, fit-tieni każ, l-Istati Membri jibbenefikaw minn marġni ta' diskrezzjoni ikbar sabiex japplikaw, fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali li huma jixtiequ jiggarantixxu fi ħdan l-ordinament ġuridiku nazzjonali. Jien enfasizzajt madankollu li dan il-livell ta' protezzjoni għandu għaldaqstant jiġi rrikonċiljat mal-implementazzjoni tajba tad-dritt tal-Unjoni u ma għandux jippreġudika drittijiet fundamentali oħra protetti skont id-dritt tal-Unjoni.

162. Skont l-Artikolu 325 TFUE, il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni titlob miżuri nazzjonali ta' implementazzjoni. Dawn tal-aħħar għandhom jiggarantixxu, skont il-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività, ir-repressjoni tar-reati li jippreġudikaw dawn l-interessi, bl-impożizzjoni ta' sanzjonijiet kriminali li għandhom ikunu effettivi u dissważivi. F'dan il-każ, bil-fatt li l-qrati nazzjonali jkunu mitluba ma japplikawx, fil-kuntest tal-proċeduri pendenti, ir-regoli ta' preskrizzjoni inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ttendi li tiggarantixxi dan l-għan b'osservanza tal-Artikolu 49 tal-Karta u b'armonija mal-portata rrikonoxxuta tal-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege* fl-Artikolu 7 tal-KEDB.

163. Huwa minnu li fil-preżent ma teżistix definizzjoni komuni fuq il-livell tal-Unjoni tal-portata li għandu jingħata l-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege* u tal-grad ta' protezzjoni li għandu, f'dan il-kuntest, jingħata lill-persuna mfittxija meta tkun involuta l-applikazzjoni ta' regoli ta' preskrizzjoni[70]. Konsegwentement, l-Istati Membri jibbenefikaw, bħala prinċipju, minn marġni ta' diskrezzjoni ikbar sabiex japplikaw standard ta' protezzjoni ogħla, bil-kundizzjoni, madankollu, li dan tal-aħħar ikun jiżgura s-supremazija u l-effettività tad-dritt tal-Unjoni.

164. Issa, għandhom jissemmew tliet punti.

165. Fl-ewwel lok, għalkemm huwa minnu li r-regoli ta' preskrizzjoni għadhom ma humiex is-suġġett ta' armonizzazzjoni, xorta waħda jibqa' l-fatt li l-prinċipju ta' tul raġonevoli stabbilit fl-Artikolu 47(2) tal-Karta jikkostitwixxu, bl-istess mod bħall-istrument li jistabbilixxih, l-ideal tar-regola armonizzata, direttament invokabbli.

166. Fit-tieni lok, l-applikazzjoni tal-istandard ta' protezzjoni msemmi fl-Artikolu 25(2) tal-Kostituzzjoni Taljana, li tinvoka bħala oġġezzjoni l-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali), tippreġudika s-supremazija tad-dritt tal-Unjoni inkwantu tippermetti li jiġi ostakolat obbligu impost mill-Qorti tal-Ġustizzja, li mhux biss huwa konformi mal-Karta, imma wkoll f'armonija mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

167. Fl-aħħar nett, fit-tielet lok, din l-applikazzjoni tippreġudika l-effettività tad-dritt tal-Unjoni inkwantu r-reati inkwistjoni, li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji ta' din tal-aħħar, ma jkunux jistgħu jkunu s-suġġett ta' kundanna definittiva fid-dawl tat-terminu ta' preskrizzjoni assolut u jibqgħu għalhekk mhux sanzjonati.

168. Jidhirli, konsegwentement, li l-Artikolu 53 tal-Karta ma jippermettix lill-awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru li topponi għall-eżekuzzjoni tal-obbligu stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Taricco *et* minħabba li dan l-obbligu ma josservax l-istandard ta' protezzjoni ogħla tad-drittijiet fundamentali ggarantit mill-kostituzzjoni ta' dak l-Istat.

70 Mexjin lejn tali armonizzazzjoni ta' dan il-livell ta' protezzjoni fil-kuntest tal-proposta għal direttiva PIF u tat-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, permezz tad-definizzjoni komuni tal-frodi għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif ukoll permezz tal-armonizzazzjoni tas-sanzjonijet u tar-regoli ta' preskrizzjoni applikabbli. Għalkemm dawn it-testi ma jittrattawx il-kwistjoni tan-natura proċedurali jew sostantiva tar-regoli ta' preskrizzjoni u ma jsolvux, għaldaqstant, il-kwistjoni tar-retroattività ta' dawn tal-aħħar, dan il-punt irid ikun neċessarjament ittrattat mil-leġiżlatur tal-Unjoni jew mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiġi ggarantita l-uniformità neċessarja fl-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti marbutin mal-ħolqien ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. F'dan il-każ, il-kwistjoni tqum dwar jekk tiġix segwita l-interpretazzjoni adottata mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem b'mod li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 49 tal-Karta tkun taqbel mal-portata rrikonoxxuta lill-prinċipju ggarantit mill-Artikolu 7 tal-KEDB, peress li nfakkar li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddeċidiet li r-regoli ta' preskrizzjoni jikkostitwixxu regoli proċedurali, li jistgħu jkunu s-suġġett ta' applikazzjoni immedjata għall-proċeduri pendenti skont il-prinċipju *tempus regit actum*, jekk dik l-applikazzjoni hija raġonevoli u nieqsa mill-arbitrarjetà.

### *c) Fuq ir-rispett tal-identità kostituzzjonali tar-Repubblika Taljana*

169. It-tielet domanda preliminari li għamlet il-qorti tar-rinviju tirrigwarda l-portata tal-Artikolu 4(2) TUE.

170. Il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) issostni, fil-fatt, li l-obbligu stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Taricco *et*, inkwantu jikser prinċipju suprem tal-ordinament kostituzzjonali tagħha, il-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege*, jista' jaffettwa l-identità nazzjonali, u b'mod partikolari kostituzzjonali, tar-Repubblika Taljana.

171. Hija tenfasizza li d-dritt tal-Unjoni, l-istess bħall-interpretazzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' dan id-dritt, ma jistgħux jitqiesu bħala li jimponu fuq l-Istat Membru l-obbligu li jirrinunzja għall-prinċipji supremi tal-ordinament kostituzzjonali tiegħu, li jiddefinixxu l-identità nazzjonali tiegħu. Għaldaqstant, l-implementazzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tkun dejjem suġġetta għall-kompatibbiltà ta' din tal-aħħar mal-ordinament kostituzzjonali tal-Istat Membru, li għandha tiġi evalwata mill-awtoritajiet nazzjonali u, f'dan il-każ, fl-Italja, mill-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali).

172. Il-pożizzjoni li jien nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tadotta f'din il-kawża ma twassalx għaċ-ċaħda tan-neċessità li tittieħed inkunsiderazzjoni l-identità nazzjonali tal-Istati Membri, li minnha l-identità kostituzzjonali ċertament tifforma parti [71].

173. Naf li l-Unjoni, fil-fatt, hija marbuta, kif jipprovdi l-Artikolu 4(2) TUE, li tirrispetta l-identità nazzjonali tal-Istati Membri, "inerenti fl-istrutturi politiċi u kostituzzjonali, fundamentali tagħhom".

174. Ninnota wkoll li l-preambolu tal-Karta jfakkar li, fl-azzjoni tagħha, l-Unjoni għandha tirrispetta l-identità nazzjonali tal-Istati Membri.

175. Konsegwentement, Stat Membru li jikkunsidra li dispożizzjoni tad-dritt primarju jew tad-dritt sekondarju tippreġudika l-identità nazzjonali tiegħu jista' għaldaqstant jikkontestaha billi jibbaża ruħu fuq id-dispożizzjonijiet previsti fl-Artikolu 4(2) TUE.

176. Madankollu, ma naħsibx li għandna din is-sitwazzjoni f'dan il-każ.

177. L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja dejjem qieset li l-fatt li jiġi invokat ksur jew tad-drittijiet fundamentali, kif ifformulati fil-kostituzzjoni ta' Stat Membru, jew tal-prinċipji ta' struttura kostituzzjonali nazzjonali ma jistax jolqot il-validità ta' att adott mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew l-effett tiegħu fit-territorju ta' dan l-Istat, u dan sabiex jitħarsu l-unità u l-effikaċja tad-dritt tal-Unjoni. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-validità ta' dawn l-atti, għaldaqstant, tista' tiġi evalwata biss fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni [72].

178. It-tieni nett, ma iniex konvint li l-applikazzjoni immedjata ta' terminu ta' preskrizzjoni itwal, li jirriżulta mill-eżekuzzjoni tal-obbligu impost mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Taricco *et* huwa tali li jaffettwa l-identità nazzjonali tar-Repubblika Taljana.

71 Fuq dan is-suġġett ara, b'mod partikolari, Simon, D., "L'identité constitutionnelle dans la jurisprudence de l'Union européenne", *L'identité constitutionnelle saisie par les juges en Europe*, Edizzjoniijet A. Pedone, Pariġi, 2011, p. 27; Constantinesco, V., "La confrontation entre identité constitutionnelle européenne et identités constitutionnelles nationales, convergence ou contradiction? Contrepoint ou hiérarchie?", *L'Union européenne*: Union de droit, Union des droits – Mélanges en l'*honneur de Philippe Manin*, Edizzjonijiet A. Pedone, Pariġi, 2010, p. 79, u, fl-istess ħarġa, Mouton, J.-D., "Réflexions sur la prise en considération de l'identité constitutionnelle des États membres de l'Union européenne", p. 145.

72 Ara s-sentenza tas-17 ta' Diċembru 1970, Internationale Handelsgesellschaft (11/70, EU:C:1970:114, point 3).

179. Fil-fatt, ma għandux ikun hemm konfużjoni bejn il-kunċett li jeżiġi l-protezzjoni ta' dritt fundamentali u preġudizzju għall-identità nazzjonali jew, iktar speċifikament, għall-identità kostituzzjonali ta' Stat Membru. Ovvjament, f'dan il-każ hemm dritt fundamentali protett mill-Kostituzzjoni Taljana li l-importanza tiegħu ma għandhiex tkun sottovalutata, imma dan ma jfissirx li l-applikazzjoni tal-Artikolu 4(2) TUE għandha tiġi kkunsidrata hawnhekk.

180. Barra minn hekk, il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) ma tesponix ir-raġunijiet għaliex l-istatus ta' prinċipju "suprem" tal-ordinament kostituzzjonali għandu jingħata lill-aspetti kollha tal-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege*[73] u lanqas ir-raġunijiet għaliex l-applikazzjoni immedjata ta' terminu ta' preskrizzjoni itwal tista' għaldaqstant tippreġudika l-identità kostituzzjonali tar-Repubblika Taljana.

181. Nirrileva li, fil-Kostituzzjoni Taljana, il-prinċipji kklassifikati bħala "fundamentali" huma elenkati fl-Artikoli 1 sa 12 tagħha, fejn il-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege* huwa għaldaqstant eskluż minnhom *a priori*.

182. Naf li l-portata u l-istatus li jingħata lil xi prinċipju fl-ordinament kostituzzjonali Taljan jistgħu jkunu wkoll il-frott tal-ġurisprudenza kostituzzjonali.

183. Issa, il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) diġà affermat li huwa biss il-"pern ċentrali" ta' prinċipju fundamentali li jista' jiġġustifika l-ftuħ ta' proċedura msejħa "kontra l-limiti", bl-esklużjoni tad-diversi istituti li fihom dan id-dritt jista' jimmanifesta ruħu konkretament u jintgħaġen skont l-istorja u l-eżiġenzi ta' din tal-aħħar[74].

184. F'sentenza reċenti, il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) ikkonfermat dan l-approċċ billi affermat li l-prinċipji "supremi" jew "fundamentali" tal-ordinament kostituzzjonali huma dawk li jidentifikaw lil dan tal-aħħar u li jirrappreżentaw il-"pern ċentrali" tal-Kostituzzjoni Taljana[75].

185. Barra min hekk, fil-punti 10 u 11 tal-osservazzjonijiet tagħha ppreżentati fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2015, Gauweiler *et*[76] u, b'mod partikolari, fl-ispjegazzjonijiet tagħha dwar il-ftuħ tal-proċedura msejħa "kontra l-limiti", ir-Repubblika Taljana ppreċiżat li l-prinċipji supremi jew fundamentali tal-ordinament kostituzzjonali tagħha, li l-ksur tagħhom b'att tad-dritt tal-Unjoni jiġġustifika l-ftuħ tal-imsemmija proċedura[77], jikkorrispondu għall-garanziji kostituzzjonali essenzjali, bħalma hija n-natura demokratika tar-Repubblika Taljana stabbilita fl-Artikolu 1 tal-Kostituzzjoni Taljana, jew ukoll il-prinċipji ta' ugwaljanza bejn il-bnedmin imsemmi fl-Artikolu 3 tagħha u ma jinkludux il-garanziji proċedurali, importanti kemm huma importanti.

73 L-istatus li jkollu prinċipju fundamentali fl-ordinament kostituzzjonali huwa b'mod partikolari xogħol il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) (ara s-sentenzi Nru 183/73 tas-17 ta' Diċembru 1973 u Nru 170/84 tat-8 ta' Ġunju 1984), fejn din tirreferi spiss għall-"prinċipji fundamentali" jew għall-"prinċipji supremi" tal-ordinament kostituzzjonali jew ukoll għad-"drittijiet inaljenabbli tal-persuna" mingħajr ma hija tagħmel differenza ċara bejn dawn il-kunċetti. Jidher madankollu li teżisti differenza mhux negliġibbli peress li, skont il-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali), ir-ratifika ta' trattat internazzjonali hija suġġetta għall-kundizzjoni li jkunu osservati d-dispożizzjonijiet kollha tal-Kostituzzjoni Taljana filwaqt li s-supremazija tad-dritt tal-Unjoni hija suġġett biss għall-osservanza tal-prinċipji supremi tagħha.

74 Ara s-sentenza tal-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) Nru 18/82, tat-2 ta' Frar 1982, punt 4 tal-kunsiderazzjonijiet ta' dritt: "il diritto alla tutela giurisdizionale si colloca al dichiarato livello di principio supremo solo nel suo nucleo più ristretto ed essenziale" u "tale qualifica non può certo estendersi ai vari istituti in cui esso concretamente si estrinseca e secondo le mutevoli esigenze [in cui] storicamente si atteggia" (traduzzjoni libera: "id-dritt għall-protezzjoni ġudizzjarja għandu l-istatus ta' prinċipju suprem biss għal dak li jikkonċerna n-nukleu l-iktar ristrett u essenzjali" u "din il-klassifikazzjoni ma tistax ċertament testendi għad-diversi istituti li fihom dan id-dritt jista' konkretament jimmanifesta ruħu u jinbidel skont id-diversi eżiġenzi storiċi").

75 Ara f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali), Nru 238/2014, tat-22 ta' Ottubru 2014, punt 3.2.

76 C-62/14, EU:C:2015:400.

77 Jidher li l-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali) iġġustifikat il-ftuħ tal-proċedura msejħa "kontra l-limiti" f'żewġ sitwazzjonijiet, waħda li tidħol fil-kuntest ta' kunflitt bejn regola ta' dritt intern u l-Concordato (Konkordat) [sentenza n. 18/82, 2 febbraio 1982 (sentenza Nru 18/82, tat-2 ta' Frar 1982)] u l-oħra fil-kuntest ta' kunflitt bejn regola ta' dritt intern u d-dritt internazzjonali [sentenza n. 238/2014, 22 ottobre 2014 (sentenza Nru 238/2014, tat-22 ta' Ottubru 2014)].

186. Meħud kont ta' dawn l-elementi, ma iniex konvint li l-obbligu impost mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Taricco *et*, inkwantu dan iwassal sabiex il-qorti nazzjonali tapplika immedjatament għal proċedura pendenti terminu ta' preskrizzjoni itwal minn dak previst mil-liġi fis-seħħ fil-mument tat-twettiq tar-reat, jista' jippreġudika l-identità nazzjonali tar-Repubblika Taljana.

187. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, jidhirli konsegwentement li l-Artikolu 4(2) TUE ma jippermettix lill-awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru li topponi għat-twettiq tal-obbligu impost mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Taricco *et* minħabba li l-applikazzjoni immedjata, għal proċedura pendenti, ta' terminu ta' preskrizzjoni itwal minn dak previst mil-liġi fis-seħħ fil-mument tat-twettiq tar-reat hija tali li taffettwa l-identità nazzjonali ta' dak l-Istat.

## VIII. Konklużjoni

188. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha premessi, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mill-Corte costituzionale (qorti kostituzzjonali, l-Italja) kif ġej:

1) L-Artikolu 325(1) u (2) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jeżiġi li qorti nazzjonali, li taġixxi bħala qorti tad-dritt komuni tal-Unjoni, għandha ma tapplikax it-terminu ta' preskrizzjoni assolut li jirriżulta mid-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tal-aħħar paragrafu tal-Artikolu 160 u tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 161 tal-codice penale (Kodiċi kriminali) f'każ fejn tali leġiżlazzjoni tipprekludi l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet effettivi u dissważivi fil-każ ta' frodi gravi li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jew tipprevedi termini ta' preskrizzjoni itwal għall-każijiet ta' frodi gravi li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Istat Membru kkonċernat milli għal dawk li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

2) Il-kunċett ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni għandu jitqies bħala li jikkostitwixxi kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni u għandu jiġi ddefinit fis-sens li kull att ta' prosekuzzjoni kif ukoll kull att li jikkostitwixxi estensjoni neċessarja tal-imsemmija prosekuzzjoni jinterrompi t-terminu ta' preskrizzjoni, fejn dak l-att jiskatta għaldaqstant d-dekorrenza ta' terminu ġdid, identiku għat-terminu inizjali, u fejn it-terminu ta' preskrizzjoni li jkun diġà ddekorra jiġi għaldaqstant imħassar.

3) L-Artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li l-awtoritajiet ġudizzjarji Taljani ma japplikawx, fil-kuntest tal-proċeduri pendenti, id-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tal-aħħar paragrafu tal-Artikolu 160 u tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 161 tal-Kodiċi kriminali skont l-obbligu impost mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-8 ta' Settembru 2015, Taricco *et* (C-105/14, EU:C:2015:555).

4) L-Artikolu 53 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ma jippermettix lill-awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru li topponi għat-twettiq tal-obbligu impost mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-8 ta' Settembru 2015, Taricco *et* (C-105/14, EU:C:2015:555) minħabba li dan l-obbligu ma josservax l-istandard ta' protezzjoni ogħla tad-drittijiet fundamentali ggarantit mill-kostituzzjoni ta' dak l-Istat.

5) L-Artikolu 4(2) TUE ma jippermettix lill-awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru li topponi għat-twettiq tal-obbligu impost mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-8 ta' Settembru 2015, Taricco *et* (C-105/14, EU:C:2015:555) minħabba li l-applikazzjoni immedjata, għal proċedura pendenti, ta' terminu ta' preskrizzjoni itwal minn dak previst mil-liġi fis-seħħ fil-mument tat-twettiq tar-reat hija tali li taffettwa l-identità nazzjonali ta' dak l-Istat.